# APPELL TAL-PAPA GHAR-RANDAN

"Il-proxxmu tiegħi min hu?" (Lq 10.29).

Ftakru: Il-Mulej wieġeb bil-parabola tas-Samaritan it-tajjeb għal din il-mistoqsija li għamillu wieħed għaref fil-liġi u qallu li fil-liġi hemm miktub: "Int għandek tħobb il-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha u b'ruħek kollha, bil-qawwa tiegħek kollha, u b'moħħok kollu, u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek."

Is-Samaritan it-tajjeb hu l-ewwelnett Kristu stess: hu resaq lejna l-ewwel u għamilna proxxmu tiegħu, biex igħinna, ifejjaqna u jsalvana: "xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah il-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (Fil. 2.7-8).

Jekk hemm xi distanza bejna u bejn Alla, dan ġej minna biss u mit-tfixkil li nqegħdu u li bih ma jistax jersaq lejna: id-dnub f'qalbna, l-inġustizzji li nagħmlu, il-mibgħeda u l-firdiet li nsaħħu, u kull ħaġa li ma tħalliniex inħobbu 'l Alla b'qalbna kollha u bil-qawwa tagħna kollha. Żmien ir-Randan huwa ż-żmien speċjali li fih nissaffew f'ruħna u nagħmlu penitenza, biex inħallu s-Salvatur jagħmilna proxxmu tiegħu u jsalvana b'imħabbtu.

It-tieni kmandament jixbah l-ewwel wieħed (ara Mt 26.39), u ma tistax tifirdu minnu. Inħobbu l-oħrajn bl-istess imħabba li Alla jqiegħed fi qlubna u li biha jħobb lill-oħrajn. F'dan ukoll, kemm tfixkil noħolqu biex l-oħrajn ma jkunux il-proxxmu tagħna! ma nħobbux biżżejjed la lil Alla u lanqas lill-proxxmu tagħna. Għaliex għadna nsibuha tqila ħafna li naslu biex naħsbu, ngħidu u nistqarru mħabbitna għall-proxxmu tagħna b'mod li nkunu tassew emigranti mal-emigranti, rifuġjati mar-rifuġjati, u fqar ma' min hu nieqes minn kollox?

Il-Knisja tagħtina ż-żmien liturġiku tar-Randan biex fil-Knisja aħna nissaffew mill-fdalijiet ta' l-egoiżmu tagħna u mir-rabta żejda malġid kollu — materjali jew le — li jżommuna 'l bogħod minn dawk li għandhom dritt għall-għajnuna tagħna: l-aktar dawk li, qrib tagħna jew bogħod minna, ma jistgħux jgħixu ħajjithom b'dik id-dinjità ta' bnedmin maħluqin minn Alla sura xbieha tiegħu.

Ha jkollna, mela, l-ispirtu ta' penitenza u ta' konverżjoni, li hu spirtu ta' mħabba u ta' qsim tal-ġid ma' l-oħrajn. Kunu ixbhu 'l Kristu, ersqu lejn dawk li baqgħu mneżżgħin u mbiċċrin, dawk li d-dinja ma tafx bihom jew twarrabhom. Issieħbu f'dak kollu li l-Knisja tagħkom qiegħda tagħmel biex tgħin l-insara u l-bnedmin kollha ta' rieda tajba li qegħdin iħabirku ħa jiksbu għal ħuthom kull ma jeħtieġu, — il-ġid materjali wkoll — biex igħixu skond id-dinjità tagħhom ta' bnedmin li huma, u jkunu huma stess responsabbli ta' l-iżvilupp tagħhom u tal-familji tagħhom firruħ u l-ġisem.

Jalla l-għir li jsir fir-Randan, ukoll fil-pajjiżi fqar tad-dinja, iwassalkom taqsmu bejnietkom il-ġid li jkollkom. Ħa tgħinu l-knejjes tal-pajjiżi inqas ixxurtjati biex jaqdu d-dmir tagħhom ta' Samaritani tajba ma' dawk li tagħhom huma responsabbli mill-qrib; il-fqar tagħhom, dawk li huma bil-ġuħ, dawk li huma mċaħħdin mill-ġustizzja, dawk li ma jistgħux jiżguraw il-progress tagħhom u tal-komunitajiet tagħhom. Penitenza, konverżjoni: din hi t-triq li minnha rridu ngħaddu: triq ta' niket, imma triq li tagħtina l-ħelsien, triq li jurihielna żmien ir-Randan. —

U jekk inkomplu nistaqsu: "Il-proxxmu tiegħi min hu?" it-tweġiba nsibuha fil-ħarsa ta' Kristu Rxoxt, u nisimgħuha minn fommu: "Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, agħmiltuh miegħi" (Mt 25,40).

Joannes Paulus PP. II

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

# GUZEPPI MERCIECA

ARĊISQOF METROPOLITA TA' MALTA

U

# NIKOL CAUCHI

ISQOF TA' GĦAWDEX

LIR-REV.MI KAPITLI, KLERU U POPLU

TA' MALTA U GĦAWDEX

SAĦĦA U BARKA

Fil-ġranet li ġejjin, mit-18 sal-20 tax-xahar, il-CARITAS Malta u l-Kunsill Ġenerali tal-Inkapaċitati, fl-okkażżjoni tas-Sena tal-Inkapaċitati, se jorganizzaw Seminar ħa jiġi studjat x'post għandu jkollu l-inkapaċitat fil-Knisja u fis-soċjetà.

Aħna nissieħbu ma' dawn l-organizzazzjonijiet biex infaħħruhom u biex ngħidulkom kemm il-Knisja għandha għal qalbha l-inkapaċitati u l-ħidma li ssir għalihom. Nistednukom għalhekk biex, bħala nsara tagħtu sehemkom u tgħinu lil dawn ħutna fi Kristu li, għax imġarrbin, huma aktar qrib il-Mulej Ġesù. Il-Knisja tfakkarna li l-inkapaċitat hu bniedem bħal bnedmin l-oħra, bl-istess drittijiet u dmirijiet ta' kull bniedem ieħor. Kull inkapaċitat għalhekk għandu jkollu l-faċilitajiet kollha li għandhom il-bnedmin l-oħra biex igħix fis-soċjetà u jagħti sehmu, kif u kemm jista', għall-ġid ta' dinja aħjar.

Il-familja hi l-aħjar post fejn l-inkapaċitat jista' jsib dik l-imħabba u dak l-ambjent li l-aktar jaqbel għall-iżvilupp tiegħu. Iżda, xi kull tant, minħabba xi raġunijiet speċjali, l-inkapaċitat ikollu jmur, għal xi żmien jew għal dejjem, f'istitut għall-inkapaċitati. Dawn l-istituti għalhekk jeħtieġ li jkollhom ambjent li jixbah kemm jista' jkun l-ambjent tal-familja, biex, hemm ukoll, ikun jista' jiżviluppa l-kapaċitajiet tiegħu morali, spiritwali u affettivi kollha.

Il-ġenituri tal-inkapaċitati jeħtieġ ikollhom mis-soċjetà l-għajnuna kollha li jeħtieġu. Dan mhux biss biex jirbħu x-xokk li jieħdu meta jsiru jafu li se jkollhom tarbija inkapaċitata, imma wkoll tul iż-żmien kollu sa meta l-inkapaċitat jieħu postu fis-soċjetà.

Quddiem l-eroiżmu ta' ħafna ġenituri li, b'imħabba l-aktar kbira u b'sagrifiċċju enormi jiddedikaw ruħhom għall-ġid ta' wliedhom inkapaċitati, ma nistgħux nibqgħu siekta u ma ngħidulhomx grazzi minn qalbna għall-eżempju ta' kuraġġ u ta' xhieda nisranija li huma jagħtuna.

L-inkapaċitat għandu dritt għal edukazzjoni sħiħa, jew fi skola normali ma' tfal oħra, jew fi skola speċjalizzata, skond il-'handicap' tiegħu. Meta jasal biex iħalli l-iskola ħalli jibda jaħdem, ma għandux ikollu diffikultà li jsib xogħol adatt għalih, f'ambjent fejn ma jħossx ruħu agħar mill-oħrajn minħabba l-'handicap' li jkollu.

Fl-iskola u fil-familja, l-inkapaċitat għandu jkollu kull għajnuna biex jiżviluppa l-ħajja affettiva tiegħu u s-sens tiegħu ta' responsabbiltà, biex ma jkollux joqgħod jistenna kollox minn ħaddieħor, imma hu wkoll ikun jista' jagħti sehmu għall-progress u l-ġid tal-familja tiegħu u tas-soċjetà.

Dari f'pajjiżna l-ġenituri li kien ikollhom tarbija inkapaċitata kienu jqisu ħaġa bħal din disgrazzja kbira u kienu jaraw kif jagħmlu biex iżommu l-ħaġa moħbija min-nies. B'imġieba bħal din, mingħajr ma jridu, kienu jaslu biex jagħmlu infern il-ħajja tal-wild tagħhom. Illum iż-żminijiet tbiddlu u, f'pajjiżna, ħafna drabi, l-inkapaċitati jsibu min jagħtihom l-għajnuna meħtieġa għall-iżvilupp tagħhom.

Hu pjaċir tagħna nfaħħru l-ħidma bla heda ta' dawk li b'mod jew ieħor qegħdin jieħdu ħsieb l-edukazzjoni u t-tħarriġ professjonali tal-inkapaċitati fl-istituzzjonijiet kollha li jiddependu mill-Gvern.

Hu pjaċir tagħna nfaħħru l-ħidma tal-Kunsill Ġenerali tal-Inkapaċitati li jikkoordina l-ħidma kollha li qiegħda ssir fostna minn ħafna soċjetajiet volontari. L-anqas irridu ninsew l-Għaqda taż-Żgħażagħ Inkapaċitati li bil-ħeġġa kollha qegħdin juru li, għalkemm imġarrbin, m'humiex qalbhom maqtugħa u ma jħossuhomx imwarrbin, għaliex qegħdin jagħtu sehemhom għall-bini ta' dinja aħjar. Nixtiequ insemmu wkoll id-Dar tal-Provvidenza fis-Siġġiewi, opra mibdija mill-Azzjoni Kattolika, opra li għaliha qiegħed jiddedika l-enerġija kollha tiegħu Mons. Azzopardi. U fl-aħħarnett nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna għal-laqgħat li l-Caritas torganizza darba fix-xahar għaż-żgħażagħ u li fihom jieħdu sehem numru mhux żgħir ta' żgħażagħ inkapaċitati.

Dawn l-organizzazzjonijiet kollha, kif ukoll l-individwi li jgħinu f'din il-ħidma, ħaqqhom it-tifħir tagħna. Aħna nissopponu wkoll li fittwettiq ta' din il-ħidma hekk siewja, huma lkoll imqanqlin minn spirtu nisrani u minn motivi soprannaturali. Huma jafu li f'min hu inkapaċitat "tiddi, b'mod misterjuż, is-sura xbieha ta' Alla... Kristu stess, b'mod mistiku, jidher f'kull inkapaċitat... u għalhekk iħossu li għandhom jaqdu 'l Kristu, bil-ħerqa kollha f'dawk li huma milquta jew dgħajfa minn tiġrib f'ġisimhom", u minn għand Kristu jistennew il-ħlas tal-egħmil ta' ħniena tagħhom.

U issa, bħala nsara, aħna x'nistgħu nagħmlu?

Nistgħu, bil-kontribuzzjonijiet tagħna, ngħinu dawk l-istituzzjonijiet kollha li f'pajjiżna qegħdin iħabirku għall-edukazzjoni u għat-thejjija professjonali tal-inkapaċitati, jew qegħdin jikkuraw lil dawk li huma mġarrbin b'"handicap" li tassew iġiblek ħniena.

Imma dan mhux biżżejjed. Irridu wkoll ngħinu lill-inkapaċitati jsibu posthom fis-soċjetà u jieħdu sehem fl-attivitajiet kollha li jsiru fi ħdan il-komunità, ħalli ma jħossux ruħhom imwarrbin.

Nistennew għalhekk li l-inkapaċitati, f'kull parroċċa, ikollhom parti ħajja fil-ħidma kollha tal-komunità parrokkjali. Dan jista' jsir billi f'kull parroċċa:

i. ikun hemm nies, impenjati fl-appostolat nisrani, li jieħdu ħsieb il-familji fejn twieled u qiegħed jikber xi inkapaċitat;

ii. f'kooperazzjoni sħiħa mal-għalliema tal-iskejjel għall-inkapaċitati, jiġi studjat sistema ta' katekeżi speċjalizzata għall-inkapaċitati, għaliex dawn ukoll għandhom dritt għall-formazzjoni morali u spiritwali xierqa;

iii. l-inkapaċitati jiġu mistiedna jieħdu sehem kemm jistgħu u kif jistgħu, fl-attivitajiet kollha tal-parroċċa u fil-ħidma tal-appostolat;

iv. l-inkapaċitati jsibu l-għajnuna kollha li jeħtieġu biex igħixu kemm jistgħu ħajja sagramentali sħiħa għaliex, bħala mgħammdin, huma wlied Alla u għalhekk għandhom id-dritt jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, 'ifaħħru 'l Alla f'nofs il-Knisja, jissieħbu fis-sagrifiċċju tal-Mulej u jieħdu sehem mill-Ikla tiegħu".

Fl-aħħarnett bi pjaċir inħabbrulkom li l-kappillani, fejn hu possibbli, qegħdin jieħdu ħsieb biex l-inkapaċitati fil-'wheelchairs', fil-knejjes parrokkjali tagħna, ikollhom aċċess faċli għall-knisja permezz ta' rampa, u post speċjali fil-knisja qrib l-altar biex ma jkollhomx diffikultà għat-tqarbin.

Nixtiequ nafdaw taħt il-ħarsien tal Verġni Marija, il-ħidma kollha li qiegħda ssir f'pajjiżna għall-inkapaċitati. Taħt il-ħarsa ħanina ta' Omm Alla, dawk kollha li qegħdin iħabirku biex ħutna l-inkapaċitati jkollhom posthom fis-soċjetà, jagħarfu jegħelbu kull tfixkil u kull qtigħ il-qalb, biex b'ħeġġa u ħerqa aqwa jkomplu l-missjoni tagħhom ta' mħabba u tjieba.

Jalla lkoll kemm aħna napprezzaw din il-ħidma u nissieħbu fiha, kif u kemm nistgħu. Bl-għajnuna tal-Verġni Marija, pajjiżna, kemm-il darba għeleb kull tiġrib li kien iheddu; jalla l-inkapaċitati wkoll, bl-għajnuna tal-Verġni Marija, jegħelbu t-tiġrib tagħhom u jagħtu sehemhom kollu għall-ġid ta' pajjiżna.

Illum, 8 ta' Settembru, 1981, festa tal-Vitorja.

† ĠUŻEPPI,
Arċisqof ta' Malta.

† NIKOL,
Isqof ta' Għawdex.

**Pastorali biex tinqara l-HADD filgħaxija 14 ta' Awissu, u t-TNEJN 15 ta' Awissu fil-Quddies kollu.**

# GUZEPPI MERCIECA

ARĊISQOF METROPOLITA TA' MALTA

U

# NIKOL CAUCHI

ISQOF TA' GĦAWDEX

LIR-REV.MI KAPITLI, KLERU U POPLU

TA' MALTA U GĦAWDEX

SAĦĦA U BARKA

Kif ħabbarna fil-pastorali tagħna tal-10 ta' April 1981, mit-8 sat-18 ta' Settembru f'pajjiżna se jsiru żewġ Kungressi internazzjonali f'egħluq il-mitt sena minn meta l-Verġni Marija kellmet lit-twajba Karmela Grima, fil-kappella ta' Pinu: id-9 Kungress Marjoloġiku u s-XVI-il Kungress Marjan. Din hija okkażżjoni tajba għalina biex naħsbu ftit dwar id-dmirijiet tagħna ta' nsara lejn il-Verġni Marija, Omm Alla u Omm tagħna l-bnedmin.

Il-Maltin u l-Għawdxin huma magħrufin ħafna għall-imħabba u l-qima kbira tagħhom lejn Sidtna Marija, kif jixhdu l-ħafna knejjes u kappelli dedikati lilha u l-festi li jiġu ċelebrati f'ġieħha; għal ħafna mill-ulied spiritwali tagħna huma ġranet li fihom jersqu għall-qrar u t-tqarbin.

Iżda ma nkunux sinċieri magħkom jekk ma nsemmulkomx ħwejjeġ li jnikktuna, għax qegħdin jagħmlu ħsara lill-ħajja reliġjuża ta' pajjiżna; dawn huma ħwejjeġ li forsi wkoll ixejnu l-qima ta' xi wħud lejn il-Verġni Marija. Insemmu l-ewwelnett id-dagħa bil-Madonna li tisimgħu kull imkien u mhux biss mill-kbar. Ta' spiss dan id-dagħa huwa frott l-injoranza għax min iħobb tabilħaqq il-Madonna jirgħex meta jisma' min jidgħi biha kif kull bniedem jirgħex meta ommu tiġi mżebilha quddiemu.

Spiss ukoll niltaqgħu ma' nies li jemmnu fi Kristu imma dwar il-Madonna għandhom twemmin li ma jaqbilx ma' tagħna u l-fehmiet reliġjużi tagħhom huma 'l bogħod ħafna minn dak li tgħallem il-Knisja. Jekk ma jkollniex tagħlim ċar u sod dwar il-Verġni Marija, jista' jiġri li l-kuntatti ma' nies ta' twemmin ieħor, inisslu fina dubbji u/jew fehmiet mgħawġa li jistgħu jkunu ta' tfixkil serju għall-ħajja spiritwali tagħna. Għalhekk ikunu ta' għajnuna kbira għalina l-laqgħat ta' tagħlim dwar il-Madonna li se jsiru fl-okkażjoni tal-Kungressi, u minn qalbna nistednukom tmorru għalihom.

Aktar ma nitgħallmu dwar il-Madonna aktar insiru nafu l-verità u aktar insiru nafuha u nħobbuha, u l-qima li nagħtuha tkun tassew tixraq lilha bħala Omm Alla u lilna bħala nsara mdawlin bit-tagħlim tal-fidi u tar-raġuni.

F'din is-sena tal-Ġublew tal-Fidwa l-qima lejn il-Verġni Marija għandha twassalna għar-rikonċiljazzjoni sħiħa ma' Alla u bejnietna. Kif qalilna l-Papa fil-Bolla li biha nieda l-Ġublew tal-Fidwa: "Il-Knisja kollha għandha, bħal Marija, taħseb bla heda, b'imħabba sħiħa, f'Ġesù Kristu Sidna, hija u tixhed bit-tagħlim u l-ħajja tagħha, li xejn ma jista' jkun mingħajru, għax f'ħadd ħliefu ma hemm is-salvazzjoni. U kif Marija, għax aċċettat il-Kelma ta' Alla, saret Omm Ġesù, u ikkonsagrat lilha nfisha kollha kemm hi għall-persuna u l-ħidma ta' Binha u hekk qdiet il-misteru tal-Fidwa, hekk ukoll il-Knisja, illum u dejjem, għandha xxandar li ma taf xejn fost il-bnedmin ħlief lil Kristu Msallab li sar għalina għerf, ġustizzja, qdusija u fidwa."

Il-Kungressi li se niċċelebraw f'Settembru u l-Ġublew tal-Fidwa għandhom għalhekk ikunu għalina okkażjoni ta' tiġdid sħiħ fil-ħajja kollha tagħna bħala nsara.

Dan it-tiġdid fil-qofol tiegħu għandu jseħħ fi ħdan il-familji tagħna kif hi x-xewqa tal-Papa, xewqa li wriehilna per mezz tal-Kunsill Pontifiċju għall-Familja.

Bħala frott tal-Kungressi Marjani u tas-Sena Mqaddsa, nixtiequ għalhekk naraw fil-familji tagħna jibda jseħħ mill-ġdid dak l-ispirtu nisrani li kellhom fl-imgħoddi, meta kull filgħaxija l-familja kollha kienet tingabar flimkien għar-Rużarju, u f'kull dar ma kinitx tkun nieqsa xi xbieha jew statwa tal-Madonna u ta' Kristu msallab, bid-dawl jixgħel quddiemhom. Nixtiequ nerġgħu naraw l-ommijiet kollha jgħallmu 'l uliedhom ilissnu, malli jibdew jitkellmu, l-ismijiet għeżież ta' Ġesù u Marija, juruhom kif iroddu s-salib, igħallmuhom igħidu l-ewwel talbiet tagħhom qabel l-irqad u l-mistrieħ u jkellmuhom fuq Alla u fuq Ġesù.

Nixtiequ naraw dejjem aktar fostna sentimenti ta' tjieba, ħniena, u ħlewwa, ħalli nkunu dejjem lesti nistabru b'xulxin, nagħdru 'l xulxin u naħfru 'l xulxin kif irridu li Alla jaħfer lilna biex fejn hemm il-mibegħda jkun hemm il-għaqda, fejn hemm il-ġlied jidħol is-sliem, u fejn hemm l-inkwiet issaltan il-paċi.

Nixtiequ naraw 'l uliedna lkoll mixgħulin b'imħabba għal Ġesù fl-Ewkaristija, imħabba li twassalhom biex ta' spiss jilqgħu l-istedina tal-Mulej ħa jieħdu sehem mill-mejda tal-Kelma tiegħu u mill-mejda tal-Ewkaristija billi jissieħbu fil-Quddiesa ta' spiss, u, jekk jista' jkun, kuljum.

Nixtiequ naraw dejjem aktar tikber fostna s-sogħba għal kemm-il darba nqasna mill-imħabba ta' Alla u ta' għajrna bi dnubietna, ħalli ta' spiss nersqu għas-Sagrament tal-Penitenza biex ninħabbu mill-ġdid ma' Alla u mal-Knisja tiegħu.

Nixtiequ naraw lil kulħadd iqaddes Jum il-Mulej, mhux biss bil-mistrieħ mix-xogħol u bit-tisħib fil-Quddiesa, imma wkoll billi l-familja kollha tingabar flimkien għal rikreazzjoni xierqa u għall-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla li tkun tħabbret waqt il-Quddiesa, huma u jaħsbu wkoll fl-aħwa, fil-qraba u fil-ħbieb li huma fil-bżonn jew li huma waħedhom u qegħdin jistennew il-faraġ taż-żjara ta' ħuthom fi Kristu.

Nixtiequ naraw f'kull familja Maltija u Għawdxija almenu kopja tal-Kotba Mqaddsa tat-Testment il-ġdid, jekk mhux l-Iskrittura kollha, biex il-familja kollha tingabar ta' spiss flimkien u kull wieħed jew waħda kif imissu, jaqra għall-oħrajn silta mill-Kotba mqaddsa.

Nixtiequ naraw tissaħħaħ fil-familji tagħna d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù u lejn il-Madonna; jikber l-ispirtu ta' ċaħda u ta' penitenza kull nhar ta' Ġimgħa b'tifkira tal-Passjoni tal-Mulej u matul il-ġranet tar-Randan imqaddes; titwettaq l-imħabba għall-festi kbar tal-Knisja billi nqadsuhom bit-tisħib fil-Quddiesa; u tit-qawwa l-għożża għall-qdusija tar-rabta taż-żwieġ li twassalna biex inbegħdu minna kull fehma li tista' ddgħajjifha u tfarrakha, u kull ħaġa li tista' thedded jew tfixkil l-għoti tal-ħajja b'kull att taż-żwieġ.

Nafu li maħniex nitolbukom xi ħaġa ħafifa, għax dak li qegħdin nitolbu jmur kontra l-kurrent tad-dinja tal-lum, imma nafu wkoll li kull ma qegħdin nitolbukom tistgħu tagħmluh bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla.

Nersqu għalhekk, b'qalbna qawwija, lejn it-tron tal-grazzja biex nitolbu għajnuna f'waqtha, bl-interċessjoni tal-Verġni Marija, li llum, flimkien ma' l-Anġli tas-sema, qegħdin nifirħu għat-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema. Bilħarsa tagħna merfugħa 'l fuq, lejn Marija fil-glorja tas-smewwiet, aħna mexjin il-mixja tagħna f'din id-dinja, żguri li għad naslu ħdejha fis-sema jekk nibqgħu taħt il-ħarsien tagħha u nafdaw fit-talb tagħha.

Hi l-mara ġdida li fiha Alla ried jurina liema hi l-vera dinjità u liema hi s-sejħa tal-mara fil-pjan tal-ħolqien u tal-fidwa: jekk il-mara trid tkun tassew dak li hi bħala mara, jekk trid timxi 'l quddiem fil-ħajja tar-ruħ, għandha tħares lejn Marija fil-ħajja tagħha f'Nazaret, f'Betlehem, f'Kana u fuq il-Kalvarju: trid tħares lejn Marija filħena tagħha bħala omm, fin-niket tagħha taħt is-salib, filferħ tagħha fil-qawmien ta' Binha mill-mewt, fil-glorja li qiegħda tgawdi fis-sema.

Marija hi l-omm tagħna lkoll jekk aħna lesti nilqgħu l-kelma li tgħidilna hija u turina 'l Binha Ġesù: "Agħmlu dak li jgħidilkom", kif qalet lill-qaddejja fit-tieġ ta' Kana. Dak li Ġesù jgħidilna hu li nisimgħu l-Kelma tiegħu u nagħmluha, kif dejjem għamlet Marija. F'Nazaret, meta dehrilha l-Anġlu u ħabbrilha li kellha tkun Omm Alla; fil-mixi tagħha lejn Betlehem, fejn twieled Binha f'għar barra l-belt; fil-ħarba lejn l-Eġittu, meta Erodi kien qed ifittex it-tarbija Ġesù biex joqtlu; f'Ġerusalem, meta tilfitu; fuq il-Kalvarju, meta ratu msallab: Marija dejjem għamlet dak li Alla ried minnha. U jekk aħna lkoll nagħmlu bħalha, inkunu tassew ulied Alla.

Nitgħallmu għalhekk minnha biex, fost it-taqlib u t-taħwid kollu tal-ħajja tal-lum, qlubna jkunu dejjem fi Kristu u fit-tagħlim tiegħu, imwassal lilna mill-Knisja li hu waqqaf għas-salvazzjoni tagħna.

Illum, 2 ta' Awissu 1983, festa tal-Madonna ta' l-Anġli, tal-Porzjunkula.

† ĠUŻEPPI,
Arċisqof ta' Malta.

† NIKOL,
Isqof ta' Għawdex.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

# GUZEPPI MERCIECA

ARĊISQOF METROPOLITA TA' MALTA

U

# NIKOL CAUCHI

ISQOF TA' GĦAWDEX

LIR-REV.MI KAPITLI, KLERU U POPLU

TA' MALTA U GĦAWDEX

SAĦĦA U BARKA

Is-sajf reġa' magħna u mas-sajf nieħdu pjaċir naraw numru sabiħ ta' turisti. Parti mhux żgħira tat-turisti huma emigranti li jiġu biex jiltagħu man-nies tal-familji tagħhom. Laqgħat bħal dawn iżommu ħajja l-għaqda fil-familja Maltija u jsaħħu fiha r-rabtiet ta' l-imħabba.

Dawn ir-rabtiet huma mezz effikaċi biex il-Maltin li jemigraw u l-membri tal-familji tagħhom li jibqgħu f'pajjiżna jibqgħu ta' għajnuna għal xulxin, l-aktar fil-mument tal-bżonn.

Bosta huma t-turisti barranin li jiġu biex iqattgħu fostna l-vaganzi tas-sajf. Hi għajn ta' ferħ għalina meta nisimgħu li dawn ġew milqugħa fi Gżiritna b'dik l-ospitalita' li hi karatteristika tal-Maltin; li huma sabu l-mistrieħ mixtieq minnhom fl-atmosfera sabiħa tax-xtajtiet tagħna; u li kienu għajn ta' interess għalihom il-bosta monumenti li l-Istorja qadima tagħna għandha x'toffri lil min iżurna.

Lill-emigranti Maltin li jiġu fostna għall-btala tagħhom; lit-turisti barranin li jiġu jżuru pajjiżna, kif ukoll lir-residenti li jħallu djarhom għal postijiet ta' villeġġjatura, nixtiequlhom jiem ta' mistrieħ, ta' divertiment onest u ta' rikreazzjoni ferrieħa.

Iżda nkunu qegħdin nonqsu mid-dmir tagħna jekk lil dawk li jiġu fostna għas-sajf ma nitolbuhomx iħarsu l-valuri tal-moralita' nisranija li l-poplu tagħna għadu jżomm b'għożża.

Smajna b'abbużi fl-imġieba ta' wħud. Għadna fil-bidu tas-sajf u diġa' bdew jingħataw każi ta' nies lebsin ilbies tal-baħar fit-toroq, meta l-Liġi tagħna tipprojbixxi l-presenza ta' persuni b'ilbies tal-għawm fit-toroq pubbliċi.

L-esperjenza ta' pajjiżi oħra għallmitna li fejn is-Soċjeta titlef is-sens tar-rażna u tal-kontroll in-Nazzjon tibda t-triq tan-niżla. Soċjeta permissiva tibda tqis kollox leċitu: tiftaħ it-triq għad-droga, għas-serq, għall-infedelta' fiż-żwieġ, għall-vjolenza. F'Malta dawn il-fenomeni għadhom fil-bidu tagħhom u hu għalhekk li għadna naqdu l-forzi tagħna biex inżommu l-mewġa ta' permissivita' li f'pajjiżi oħra ġiebet ħsara li ma tissewwiex.

Hu għalhekk li nħossu li għandna nagħmlu appell lil dawk il-Maltin kollha li għandhom għal qalbhom id-drawwiet insara ta' pajjiżna, biex jagħmlu minn kollox biex iwaqqfu l-mewġa tal-immoralita'.

Mit-turisti li jiġu fostna fis-sajf għandna nieħdu t-tajjeb tagħhom u aħna għandna nagħtuhom l-eżempju ta' poplu verament nisrani. L-imġieba tagħna għandha taqbel, kullimkien u f'kull ċirkostanza, mal-Fidi li aħna nistqarru. Din tkun ukoll ta' għajnuna biex ħaddieħor jagħraf u jirrispetta l-fidi tagħna.

Matul il-ġranet tas-sajf it-turisti li jiġu jżuruna, fost il-ħwejjeġ li jaqgħu taħt għajnejhom ikun hemm il-Festi li nċċelebraw fil-parroċċi tagħna.

Dawk il- parroċċi li għandhom il-partiti ta' Festi għandhom dmir gravi li ma jħallux lit-turisti bit-togħma li l-festi reliġjużi jagħtu lok għal piki li f'uħud mill-każi jwasslu għal firda u tilwim. Alla jinsab biss fejn hemm l-imħabba u l-għaqda. Il-Mulej ma jberikhomx jekk fosthom ikun hemm id-diviżjoni li tkun kawża ta' skandlu għall-barranin li jiġu biex jaraw il-Knejjes tagħna fil-jum tal-festa.

U la darba qegħdin nitkellmu fuq il-Festi li jsiru fil-Knejjes tagħna, nixtiequ ninkoraġġukom biex tkomplu tiċċelebrawhom b'solennita' li ma tkunx nieqsa mil-dinjita' li tixraq lill-festi tal-Qaddisin.

Għalhekk inħossuh dmir tagħna li nwiddbukom biex ma tagħmlux spejjeż żejda, speċjalment fi sparar esaġerat. L-isparar żejjed hu mhux biss ħela ta' flus iżda wkoll jikkaġuna sofferenza għal min hu marid meta ma jkunx anki l-kawża ta' mwiet għal min jimmaniġġja esplossivi mingħajr l-esperjenza meħtieġa.

Kemm tkun ħaġa li togħġob lill-Qaddisin protetturi tagħna jekk, bħal ma qiegħed isir diġa f'xi parroċċi, innaqsu mill-ispejjeż żejda biex nagħtuhom għal opri ta' karità.

Bit-tama li dan il-messaġġ tagħna jilħaq il- qlub ta' bnedmin ta' rieda tajba, nagħtukom il-Barka Pastorali tagħna.

Maħruġa llum, 24 ta' Ġunju, 1980, Solennità tat-Twelid ta' San Ġwann Battista.

† G. Mercieca
Arċisqof ta' Malta

† Nikol Cauchi
Isqof ta' Għawdex

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

# GUZEPPI MERCIECA
ARĊISQOF METROPOLITA TA' MALTA
U
# NIKOL CAUCHI
ISQOF TA' GĦAWDEX
LIR-REV.MI KAPITLI, KLERU U POPLU
TA' MALTA U GĦAWDEX
SAĦĦA U BARKA

REFERENCE ONLY

Maħbubin uliedna,

B'riferenza għal dak li qiegħed jintqal u jinkiteb dwar l-iskejjel privati, aħna l-Isqfijiet inħossuha responsabbilta' tagħna li nfakkrukom fit-tagħlim li jagħti l-Konċilju Vatikan II fuq din il-materja:

"Il-ġenituri għandhom huma l-ewwel id-dmir u d-dritt li jedukaw 'l uliedhom, dmir u dritt li ħadd ma jista' jiċħadulhom; u għalhekk għandhom ikunu verament liberi fl-għażla ta' l-iskola għal uliedhom. L-Awtorita' Pubblika għalhekk, li għandha d-dmir li tħares u tiddefendi l-libertajiet taċ-ċittadini, għandha tara li, biex tkun imħarsa l-ġustizzja distributtiva, is-sussidji tal-Gvern jingħataw b'mod li l-ġenituri, huma u jagħżlu l-iskola għal uliedhom, ikunu tassew liberi li jimxu skond il-kuxjenza tagħhom.

'Mill-bqija hu dmir ta' l-Istat li jagħti liċ-ċittadini kollha l-opportunita' li jilħqu l-progress kulturali tagħhom b'mod xieraq u jkollhom it-tħejjija kollha meħtieġa biex jeżerċitaw id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom kollha bħala ċittadini. Għalhekk l-Istat għandu jħares id-dritt tat-tfal għall-edukazzjoni xierqa, jara li l-għalliema jkunu kapaċi u mħarrġin mill-aħjar, iħares is-saħħa tat-tfal, u, b'mod ġenerali, iġib 'l quddiem l-edukazzjoni kollha. Iżda l-istat irid dejjem jagħti każ tal-prinċipju tas-sussidjarjeta', sabiex ma jkun hemm ebda monopolju fl-edukazzjoni. Monopolju bħal dan imur kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-iżvilupp u t-tixrid tal-istess kultura, id-dritt taċ-ċittadini li jingħaqdu paċifikament f'assoċjazzjonijiet, u l-pluraliżmu li jeżisti llum f'ħafna soċjetajiet.

"Il-Konċilju mbagħad iħeġġeġ lill-fidili biex bil-ġenerożita' kollha, jagħtu sehemhom fil-ħidma ħalli jinstabu metodi adatti ta' edukazzjoni u programmi ta' tagħlim, u ħa jitħarrġu għalliema li jkunu jistgħu jagħtu lit-tfal edukazzjoni awtentika. L-insara, l-aktar permezz ta' Għaqdiet tal-Ġenituri, għandhom jagħtu sehemhom biex iġibu 'l quddiem il-ħidma kollha tal-iskola speċjalment il-ħidma għal-iżvilupp morali." (art. 6 tad-Dikjarazzjoni fuq l-Edukazzjoni Nisranija).

Hi ħaġa tajba li ngħidulkom ukoll kif kummentaturi kattoliċi jfissru dan it-tagħlim:

"B'dan il-kliem tal-Artiklu 6, id-Dikjarazzjoni tal-Konċilju Vatikan II fuq l-Edukazzjoni Nisranija tagħmel enfażi kbira fuq id-drittijiet tal-ġenituri dwar l-edukazzjoni ta' wliedhom, drittijiet li ħadd ma għandu jiċħadhomlhom: dan tagħmlu b'riferenza għal waħda mill-kwistjonijiet prattiċi l-aktar importanti. Bil-qawwa kollha l-Knisja titlob li l-ġenituri jkollhom, bil-fatti u mhux bil-kliem biss, liberta' vera li jagħżlu l-iskola li jridu għal uliedhom.

"Mhux biżżejjed li tirrikonoxxi uffiċjalment dan id-dritt; hija esiġenza tad-demokrazija............ ma għandu jkun hemm ebda miżuri amministrattivi li fil-prattika jġibu fix-xejn dan id-dritt. Dan id-dritt ta' spiss jiġi mxejjen meta jkun hemm......... miżuri li jfixklu l-użu ħieles ta' dan id-dritt tal-ġenituri...... Il-Knisja titlob mill-Istat ġustizzja distributtiva u rieda tajba fil-prattika għall-ħarsien u l-applikazzjoni ta' dan id-dritt.

"It-tieni parti tal-artiklu 6, b'mod qasir u ċar, tgħid x'għandu jagħmel l-Istat għall-iskejjel. Dan juri kemm huma importanti l-iskejjel u t-tagħlim għall-Istat. Iżda t-tagħlim biss m'għandux ikun in-norma li tirregola kull ma jsir fil-qasam ta' l-iskejjel u ta' l-edukazzjoni. Fuq kollox trid tkun imħarsa l-liberta' tal-kuxjenza ta' dawk li għandhom dritt għall-edukazzjoni. Għalhekk ir-riferenza li l-Istat għandu jaġixxi skond il-prinċipju tas-sussidjarjeta'. Id-Dikjarazzjoni għalhekk tiċħad bla tlaqliq kull xorta ta' monopolju ta' l-Istat fuq l-iskejjel. Dan veru dejjem u kullimkien. Il-liġijiet ta' kull pajjiż dwar l-edukazzjoni għandhom jiġu ttestjati fuq dan il-prinċipju.

"L-Artiklu 6 jagħlaq billi jagħmel enfażi fuq id-dmir ta' l-Insara li juru interess personali fl-iskejjel tal-Knisja, jitkellmu u jaqbżu għalihom. Dan jgħodd mhux biss għall-esperti u għall-għalliema iżda wkoll għall-insara kollha. Dan ma jfissirx li kulħadd għandu jissieħeb direttament f'diskussjonijiet fuq l-iskejjel jew li kulħadd jieħu sehem dirett u personali f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-iskola. Mezz mill-aqwa biex tissaħħaħ l-iskola minn ġewwa u turi l-influwenza tagħha barra, huwa t-twaqqif ta' assoċjazzjonijiet jew għaqdiet. Dawn l-assoċjazzjonijiet huma ta' min jirrikmandhom ħafna b'mod speċjali lill-ġenituri, għax il-ġenituri jeħtieġ li jkunu infurmati sewwa, ikollhom idejat ċari u jeħtieġu l-għajnuna ta' xulxin biex ikunu jistgħu jieħdu dawk id-deċiżjonijiet li ċ-ċirkostanzi jitolbu minnhom." (Commentary on Documents of Vatican Council II edited bż Herbert Vorgrimler, Vol. 4, pp. 26-27).

Nagħtukom il-barka tagħna.

Maħruġa llum, 22 ta' Mejju, 1980.

† Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta.

† Nikol Cauchi
Isqof ta' Għawdex

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Biex tinqara nhar il-Hadd, 26 ta' April.

# GUZEPPI MERCIECA

ARĊISQOF METROPOLITA TA' MALTA

U

# NIKOL CAUCHI

ISQOF TA' GĦAWDEX

LIR-REV.MI KAPITLI, KLERU U POPLU

TA' MALTA U GĦAWDEX

SAĦĦA U BARKA

B'ferħ kbir ta' qalbna nixtiequ nħabbrulkom li l-Qdusija tiegħu l-Papa Ġwann Pawlu II, fl-istess żmien li ħabbar lill-Knisja kollha l-ħsieb tiegħu li jfakkar b'ċelebrazzjonijiet solenni f'Ruma żewġ ġrajjiet kbar fl-istorja tal-Knisja, għarrafna wkoll li laqa' bil-qalb l-istedina tagħna li fl-1983, f'Settembru, f'Malta u Għawdex, jiġi ċelebrat id-IX Kungress Marjoloġiku Internazzjonali u s-XVI Kungress Marjan Internazzjonali, fl-okkażjoni ta' egħluq il-mitt sena minn meta l-Verġni Marija kellmet littwajba Karmena Grima minn kappella żgħira li dak iż-żmien kien hemm f'għalqa qrib l-Għarb, kappella li llum hi s-Santwarju ta' Pinu u ċentru ewlieni tad-devozzjoni u tal-imħabba tagħna għall-Verġni Omm Alla u Omm il-Knisja.

Il-Papa f'Ruma, din is-sena, nhar Għid il-Hamsin, flimkien mar-rappreżentanti tal-Konferenzi episkopali kollha tad-dinja, irid ifakkar is-16-il mitt sena tal-ewwel Konċilju ta' Kostantinopli meta l-Knisja stqarret il-fidi tagħha fl-Ispirtu s-Santu, "il-Mulej li jagħti l-ħajja", u l-1550 sena tal-Konċilju ta' Efesu, meta l-Knisja stqarret li Kristu hu tassew veru Alla u veru bniedem u għalhekk, bir-raġun kollu, il-Verġni Marija nsejħulha Omm Alla.

Dawn iż-żewġ ġrajjiet importanti mhumiex biss ġrajjiet tal-imgħoddi imma huma parti mill-ħajja tal-Knisja f'kull żmien, u fi żmienna wkoll. Il-ħsibijiet u l-qlub talinsara kollha, f'kull żmien għandhom ikunu iċċentrati fi Kristu, għaliex Kristu, kif igħidilna l-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud, "huwa dak li kien fl-imgħoddi, issa, u għal li ġej": iżda dan jista' jseħħ biss jekk qlubna u ħsibijietna jkunu wkoll fl-Ispirtu s-Santu, li bil-qawwa tiegħu l-Iben ta' Alla sar bniedem, u f'Marija Verġni, li nisslet l-Iben ta' Alla fi ħdanha u twieled minnha.

F'dan il-mument tal-ħajja tal-Knisja u tad-dinja, hija u toqrob lejn it-tmiem tat-tieni elf sena mill-miġja ta' Kristu fid-dinja, aħna neħtieġu ħafna l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu biex igħinna "nġeddu l-wiċċ ta' l-art" u hekk iseħħ dak li talab il-Konċilju Vatikan II. Biex dan iseħħ, jeħtieġ li nkunu qalb waħda fit-talb flimkien ma' Marija, Omm Ġesù, kif kienu l-Appostli fil-granet ta' qabel Għid il-Hamsin, meta kienu miġburin flimkien fiċ-Ċenaklu jistennew il-miġja tal-Ispirtu s-Santu.

Aħna qegħdin nagħmlu tagħna dawn il-ħsibijiet tal-Papa u nwassluhom lilkom, għaliex irridu li ż-żewġ Kungressi li se jsiru f'pajjiżna fl-1983 f'ġieħ il-Verġni Marija, ma jkunux biss ċelebrazzjonijiet kbar li jħallu, fost il-barranin li jiġu biex magħna jagħtu ġieħ lill-Verġni Marija, l-impressjoni ta' kemm ninqalgħu biex nagħmlu festi sbieħ u solenni, ta' kemm nafu nżejnu, u ta' kemm aħna mimlijin b'entużjażmu reliġjuż. Aħna rridu li dawn iż-żewġ Kungressi jkunu l-bidu ta' tiġdid veru fil-ħajja kollha tagħna BHALA NSARA. Il-veru tiġdid, igħidilna l-Papa, ifisser mhux biss taġġorna u tadatta għaż-żminijiet tallum dak li hu ta' dejjem u jibqa' għal dejjem fil-Knisja, għaliex hu parti mill-istess natura tagħha; ifisser ukoll li ssaħħu u turih f'dawl aktar ċar biex wieħed jifhem li huwa l-qofol tal-ħajja nisranija, u, jekk wieħed jiċħdu jew iwarrbu fil-ġenb, ma jistax ikun li jibqa' nisrani.

Jeħtieġ li r-rabta tagħna bħala nsara, bejnietna u mal-Knisja kollha, tissaħħaħ dejjem aktar, u li nkunu tassew u nidhru bħala "l-poplu ta' Alla miġbur flimkien fl-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu", b'rabta liema bħalha ta' fedeltà sħiħa mal-Papa u mal-isqfijiet, rabta li tfisser li nilqgħu dejjem, bla tlaqliq, it-tagħlim ta' Kristu kif iwassluhulna huma.

Jeħtieġ li nagħmlu passi ġodda fit-triq tal-ġustizzja, is-sliem u l-paċi u nbegħdu minna kull ma jifridna, kull sura ta' materjaliżmu, kull mentalità li ma taqbilx jew tmur kontra l-Evanġelju ta' Kristu, biex ngħixu flimkien bħal aħwa u nibnu dinja aħjar fejn isaltnu t-tjieba, il-verità u l-ġustizzja.

Jeħtieġ li l-vokazzjonijiet reliġjużi u saċerdotali ma jonqsu qatt fostna imma joktru dejjem; il-Mulej ma jeħda qatt isejjaħ qlub ġenerużi minn fostna, imma ħafna mhumiex jagħtu widen għas-sejħa tal-Mulej, għaliex il-ħajja edonistika kollha għatx tal-pjaċiri li ħafna qegħdin igħixu llum mhux qed tħalli lehnu jasal għand uliedha.

Jeħtieġ li l-lajċi jifhmu sewwa li huma wkoll il-Knisja ta' Kristu, u huma wkoll għandhom id-dmir li jkunu xhieda ta' Kristu, mhux biss meta jkunu fil-knisja, imma f'kull mument tal-ħajja tagħhom, bħala ġenituri u wlied, bħala ċittadini u ħaddiema, bħala nisa u rġiel, responsabbli ta' kull ma jagħmlu.

Dan kollu ma jistax iseħħ jekk mhux bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu, u din l-għajnuna rridu nitolbuha bħalma talbuha l-Appostli qabel xterrdu mad-dinja jħabbru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu: miġburin fit-talb ma' Marija, Omm Ġesù.

Bit-talb ma' Marija Omm Ġesù jista' jseħħ tiġdid sħiħ fil-Knisja f'pajjiżna, u dan għandu jkun il-għan taż-żewġ Kungressi internazzjonali li l-Papa jixtieq li jsiru f'pajjiżna fl-1983. Biex dan iseħħ jeħtieġ nibdew nitolbu millum. Għalhekk mill-bidu tax-xahar ta' Mejju

i. fil-knejjes kollha, kuljum, wara r-Rużarju, tingħad it-talba lill-Verġni Marija, li qegħdin nibagħtu ma' din il-pastorali;

ii. fil-knejjes kollha, darba fil-ġimgħa, kemm jista' jkun nhar ta' Sibt, meta jippermettu r-rubriki, titqaddes il-Quddiesa votiva tal-Madonna, Omm il-Knisja (Ara Sagramentarju Malti p. 951).

iii. aktar 'il quddiem ikunu jistgħu jinkisbu santi tal-Madonna ta' Pinu bit-talba msemmija biex jitqassmu lill-familji kollha ħa jgħiduha kuljum flimkien mar-Rużarju.

Maħruġa nhar il-10 ta' April 1981, festa tad-Duluri.

† ĠUŻEPPI,
Arċisqof ta' Malta.

† NIKOL,
Isqof ta' Għawdex.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

REFERENCE ONLY

# GUZEPPI MERCIECA

## GĦALL-GRAZZJA T'ALLA U TAS-SEDE APOSTOLIKA
## ARĊISQOF TA' MALTA
## METROPOLITA TAL-PROVINĊJA MALTIJA
## LIR-REV.MU KAPITLU, KLERU U POPLU
## SAĦĦA U BARKA.

Egħżież,

Ix-xogħol u l-familja huma ż-żewġ pernijiet li fuqhom, sa mill-bidu, iddur il-ħajja kollha tal-bniedem fid-dinja. Il-bniedem jaħdem biex iżomm il-familja, u l-familja ma tistax timxi 'l quddiem jekk mhux bix-xogħol tal-bniedem. Fuq il-pedament tax-xogħol timbena l-ħajja tal-familja, li hi dritt naturali ta' kull bniedem u l-vokazzjoni tiegħu.

Il-pjan li Alla fassal għall-bniedem sa mill-bidu huwa li l-bniedem jaħkem fuq l-art u fuq kull ma fiha, imexxi d-dinja fis-sewwa u fil-qdusija, u jorbot lilu nnifsu u l-ħolqien kollu ma' Alla, li għandu jagħraf bħala s-Sid li ħalaq kollox. Meta l-bniedem ikun jagħmel dan, ikun qiegħed jissieħeb ma' Alla l-Ħallieq, ikun qiegħed jissokta l-opra ta' Alla b'riżq il-bnedmin kollha, ħa jseħħ il-pjan sħiħ ta' Alla għall-bniedem.

Veru li x-xogħol hu marbut mat-tbatija, imma hija proprju t-tbatija li jġib miegħu x-xogħol li ssieħeb il-bniedem ma' Kristu, li bis-Salib u l-mewt tiegħu wassalna għall-qawmien miegħu f'ħajja ġdida.

Iżda Alla ma ħalaqx il-bniedem biss biex jaħkem fuq l-art: ħalaq il-bniedem għax ħabbu, ħalqu sura xbieha tiegħu, u ħalqu biex iħobb. Alla hu mħabba, u għalhekk ried li kull bniedem iħobb u jkun maħbub. Il-bniedem, minnatura tiegħu stess, hu msejjaħ biex iħobb, biex jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu, fir-ruħ u l-ġisem, lil min iħobb. L-imħabba hi bejn tnejn, u jkun hemm imħabba tassew, fejn dawn it-tnejn jagħtu lilhom infushom, kollhom kemm huma, lil xulxin. Dan iseħħ fl-aqwa tiegħu, meta r-raġel u l-mara jagħtu lilhom infushom lil xulxin, kollhom kemm huma, fiż-żwieġ, għal dejjem, b'imħabba "qawwija bħall-mewt, li lmijiet kbar qatt ma jaslu biex jitfuha" (Għanja 8,6-7). Din ir-rabta hekk sħiħa ta' mħabba hi l-pedament tal-familja, li hi xirka ta' mħabba bejn il-ġenituri u l-ulied, u bejn l-aħwa bejniethom. Meta mbagħad il-familja tkun familja nisranija hi twettaq fid-dinja l-istess missjoni ta' Kristu u tal-Knisja. Dan tista' tagħmlu bil-qawwa tal-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, "l-ewwel imwieled fost ħafna aħwa" (Rum 8,29); dan tagħmlu għaliex, bħala "l-knisja ż-żgħira tad-dar," hija xbieha ħajja tal-misteru tal-Knisja ta' Kristu.

Il-familja nisranija tkun twettaq tassew il-missjoni ta' Kristu u tal-Knisja fid-dinja, meta tkun verament tgħix ħajja nisranija fil-ħarsien kuljum tal-kmandamenti kollha ta' Alla, biex, bl-imġieba kollha tagħha, tkun eżempju li jqanqal għall-familji l-oħra kollha li magħhom tiltaqa'. Twettaqha wkoll meta l-ħajja, fi ħdanha, hi ħajja ta' djalogu dejjem sejjer ma' Alla, djalogu li jseħħ bit-talb flimkien u bit-tisħib fl-Ewkaristija, u fl-ispirtu tal-maħfra 'l xulxin u r-rikonċiljazzjoni flimkien. Twettaqha fl-aħħarnett billi ma tkunx magħluqa fiha nfisha, imma tkun miftuħa għall-ħtiġijiet ta' l-oħrajn, dejjem lesta biex tgħin lillaħwa fil-bżonn.

Bħala nsara hu dmir tagħna nifhmu sewwa u ngħixu kif imiss dawn il-valuri tal-familja u tax-xogħol tal-bniedem, valuri li fuqhom il-Papa ilu jisħaq ħafna. Żmien ir-Randan, għaliex hu żmien ta' salvazzjoni, hu żmien tajjeb biex aħna ngħarblu sewwa lilna nfusna u l-imġieba kollha tagħna, ħa naraw aħniex nifhmu u ngħixu sewwa dawn il-valuri fis-siwi kollu tagħhom.

Kull sena l-Knisja, fil-bidu tar-Randan imqaddes, issejħilna għall-indiema u għall-konverżjoni billi ngħarblu lilna nfusna u l-imġieba kollha tagħna: għalhekk nagħmlu l-eżerċizzi fi żmien ir-Randan. Imma kemm tassew nindmu u nikkonvertu? Wara r-Randan insiru tassew aħjar milli nkunu?

Mhux biss jindem u jikkonverti l-midneb li jerġa' lura minn ħajja ta' dnub; jikkonverti wkoll il-bniedem ittajjeb biex jgħix ħajja aħjar. Hemm waqt fil-ħajja ta' kull bniedem, li fih il-bniedem jieħu deċiżjoni darba għal dejjem, li jkun kollu kemm hu ta' Ġesù, u jimxi warajh dejjem. Din id-deċiżjoni l-bniedem jagħmilha wara sejħa tal-Mulej, sejħa li l-Mulej jagħmilha lil kulħadd, għalkemm mhux lil kulħadd bl-istess mod u fl-istess ħin. Il-Mulej jista' jsejjaħ meta wieħed ikun se jibda xi sura ta' ħajja ġdida, jew meta tiġri lilu jew madwaru xi ġrajja kbira, jew xi ġrajja li tolqtu fil-laħam il-ħaj — il-mewt ta' xi ħadd għażiż, xi grazzja li qatt ma stenniha, xi disgrazzja kbira. Huma sejħat tal-Mulej, biex induru lejh bil-qawwa kollha ta' qalbna. Imma din is-sejħa tista' tkun ukoll omilija li nkunu smajna, jew xi kors ta' eżerċizzi, jew xi rtir, li nkunu għamilna; tista' tkun dan l-istess Randan.

U x'titlob minna din is-sejħa għall-konverżjoni? Xejn ħlief li ngħixu skond il-vokazzjoni tagħna ta' nsara, billi ż-żewġ pernijiet li fuqhom iddur il-ħajja kollha tagħna f'din id-dinja — ix-xogħol u l-familja — ikunu għalina verament mezzi ta' qdusija billi ngħixuhom skond kif irid Alla.

Jalla dan ir-Randan ikun għalina l-bidu ta' konverżjoni vera, ħalli pajjiżna jerġa' jkun dak li kien fl-imgħoddi: pajjiż mimli bl-imħabba u s-sliem, fil-ħarsien sħiħ tal-fidi nisranija u tal-kmandamenti ta' Alla.

Għal dan iridu jwasslu ż-żewġ Kungressi f'ġieħ il-Verġni Mqaddsa Marija li se jiġu ċelebrati f'Settembru tas-sena d-dieħla, kif ġa tħabbrilkom bil-pastorali tal-10 ta' April 1981. L-ewwel pass għal din il-konverżjoni sħiħa ta' pajjiżna se jkunu l-eżerċizzi tar-Randan, iżda mbagħad, minn Ottubru ta' din is-sena, ix-xahar tar-Rużarju, sa Mejju tas-sena d-dieħla, ix-xahar tal-Madonna, fil-parroċċi kollha se jkun hemm Missjoni għat-tiġdid tagħna lkoll fi Kristu, taħt il-ħarsien ta' Marija, li qatt ma naqset li tidħol għalina fil-ħtiġijiet tagħna kollha, kull meta tlabniha. Fiha dejjem ittamaw missirijietna, u hi ħelsithom. U hekk teħles lilna wkoll mit-theddid kollu taż-żminijiet tallum, u żżommna ħielsa minn kull tagħlim qarrieqi, biex il-wirt għażiż tal-fidi li writna nkunu nistgħu ngħadduh bla mittiefes lil uliedna u lil ulied uliedna.

Illum, 10 ta' Frar, 1982, solennità ta' San Pawl Missierna.

† ĠUŻEPPI MERCIECA,
*Arċisqof ta' Malta.*

ANNETTO DEPASQUALE,
*Kanċellier*

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Nru. 189

# MICHAEL GONZI

## GĦALL-GRAZZJA T'ALLA U TAS-SEDI APOSTOLIKA
## ARĊISQOF TA' MALTA
## ASSISTENT FIT-TRON TAL-Q. T. IL-PAPA
## METROPOLITA TAL-PROVINĊJA MALTIJA
## LIR-REV.MU KAPITLU, KLERU U POPLU
## SAĦĦA U BARKA

---

*Ħuti Għeżież u Maħbubin Uliedi,*

Iċ-ċirkustanza tar-Randan Imqaddes, li qed joqrob, tagħtina l-okkażjoni li nkellmukom, bħala Ragħaj ta' l-erwieħ tagħkom kif soltu, permezz ta' Ittra Pastorali; u dehrilna li dis-sena jixraq inkellmukom dwar is-SAĊERDOZJU KATTOLIKU, li bih Alla l-Imbierek għoġbu jgħanina kważi ħamsin sena ilu. Il-Kummissjoni Liturġika Arċidjoċesana għoġobha ,fil-programm tal-Kongress Liturġiku ta' dawn il-ġranet, tħabbrilkom dan il-fatt. Barra minn dan inħossu l-bżonn li nkellmukom dwar is-saċerdozju għax qegħdin naraw kif uħud minn ħutna Maltin qegħdin jitilfu l-veru konċett tas-Saċerdozju. Il-kawżi huma aktar minn waħda: l-injoranza fil-ħwejjeġ tar-Reliġjon, il-propaganda antiklerikali, li qiegħda taslilna minn barra permezz ta' ċerta stampa, u li qiegħda ssir xi ftit — jisgħobbina ngħidu — anki minn Maltin bħalna għall-finijiet li ma jaqblux mal-Fidi.

Kull saċerdot bis-saħħa tas-Sagra Ordinazzjoni jsir ambaxxatur ta' Kristu, kontinwatur leġittimu ta' l-opra tal-Fidwa, dispensatur tal-misteri divini, salvatur u santifikatur ta' l-erwieħ. Huwa għalhekk destinat ikompli fuq l-art l-għola missjoni li wieħed jista' jimmaġina għall-glorja t'Alla u l-ġid ta' l-erwieħ.

Kif l-importanza ta' ambaxxatur tidher kbira jew żgħira skond is-setgħat u l-inkariki li jirċevi minn għand is-sultan tiegħu, hekk il-kobor u d-dinjità tas-saċerdot kattoliku tidher mis-setgħat divini lilu mogħtija minn Alla n-nifsu permezz ta' l-Isqof li jikkonsagrah. Dawn is-setgħat huma prinċipalment tnejn; il-waħda għandha bħala oġġett il-ġisem mistiku ta' Ġesù Kristu, jiġifieri l-Knisja jew l-għaqda tal-fidili; l-oħra għandha x'taqsam direttament mal-Ġisem reali ta' Kristu, jiġifieri l-Ewkaristija.

Ġibu quddiem għajnejkom ix-xena taċ-Ċenaklu ta' Ġerusalemm meta Ġesù, wara li qam mill-mewt, qal

fil-persuna ta' l-Appostli lis-suċċessuri tagħhom fis-saċerdozju: *"Vos estis lux mundi; Vos estis sal terrae;"* "Intom id-dawl tad-dinja; Intom il-melħ ta' l-art."

Mill-mument li l-Imgħallem Divin qal lill-Appostli: *"Ite, docete omnes gentes"* — "Morru u għallmu lill-ġnus kollha" — is-saċerdot dejjem ħares dan il-kmand. Kull meta nfatti l-erruri jfittxu li jdallmu l-moħħ u jħassru l-qalb tal-bniedem, is-saċerdot kattoliku dejjem jerfa' leħnu u mingħajr biża' tal-prinċpijiet ta' din l-art, tal-ġenerali, ta' l-eżerċti, u tal-maġistrati, bħal Ljuni M., Gregorju VII, Klement VII, bħal Ambroġju, il-Krisostmu u tant oħrajn, huwa jismaskera l-erruri kontra l-Fidi, iqum kontra l-awturi ta' dawn l-erruri, jiftaħ għajnejn il-poplu, fil-ħin li jfakkarhom li m'għandhomx jibżgħu mill-bnedmin, imma biss minn Alla, li jista' jikkastigahom għal dejjem fid-dinja l-oħra. Għandna l-eżempji ta' eluf ta' saċerdoti fil-pajjiżi li kellhom id-diżgrazzja jaqgħu taħt il-ħakma tar-Russja.

Meta l-għani mingħajr ħniena jittratta ħażin lil-fqir, meta min jiflaħ jaħqar lil min hu debboli, is-saċerdot, bl-awtorità lilu mogħtija minn Alla, jerfa leħnu u jfakkar il-preċett tal-karità evanġelika; meta ċerti sistemi soċjalisti, li qegħdin jirrovinaw ir-ruħ, taħt il-pretest li jridu jtejbu l-kondizzjoni tal-ħaddiema, u jissuġġerixxu l-vjolenza, il-qerda tal-proprjetà privata li tridha n-natura stess, allura s-saċerdot bid-dottrina ta' Ljuni XIII, Piju XI u Piju XII, li għallmu fl-Enċikliki tagħhom id-dottrina ta' Kristu, jfittex li jġib il-ftehim, l-armonija,l-paċi bejn l-għani u l-fqir, bejn il-padrun u l-ħaddiem. U fil-hin li jiżmaskera l-ipokrisiji tad-demagogi, u jqiegħed fil-ġenb il-wegħdiet impossibbli u l-utopiji, is-saċerdot bil-qawwa tal-kelma tiegħu, li hi l-kelma ta' Alla stess, iressaq il-fqir lejn il-għani. Is-saċerdot jirrikkmanda lil-popli l-ubbidjenza lejn l-awtorità mqegħda minn Alla stess biex tiggverna l-ġnus — *"Oboedite praepositis vestris, non propter metum, sed propter conscientiam"* (Hebr. XII, 17). Lill-governanti

na lil ruħna bl-ilma tal-Magħmudija. Meta nikbru fl-età u ma' l-età jikbru l-perikoli tar-ruħ, is-saċerdot iġib f'ruħna l-Ispirtu Santu u jagħmilna suldati ta' Kristu. U kif il-bniedem biex jikber fil-ġisem jieħu l-ikel konvenjenti għan-natura tiegħu, hekk hu għandu bżonn, biex jikber fil-ħajja ta' l-ispirtu, ta' ikel spiritwali. Lis-saċerdot infatti hija mogħtija, bħal ma diġà rajna, is-setgħa li jbiddel il-ħobż fil-ġisem u l-imbit fid-demm ta' Ġesù Kristu, biex b'dan l-ikel u b'dan ix-xorb jitmantnew is-saċerdot u ħutu bnedmin.

Il-bniedem qabel ma jikkommetti d-dnub, jittama dejjem fil-ħniena t'Alla; imma wara li jagħmel id-dnub jimtela bil-biża', u jitlef kważi kull tama, fil-ħin li jiftakar biss fil-ġustizzja t'Alla. U min għandu l-ħila jippreżenta ruħu quddiem Alla wara d-dnub? Min jista' jiggarantixxi l-maħfra lill-midneb? Tassew kbira hija l-ħniena t'Alla! Jinxteħet il-midneb f'riġlejn is-saċerdot, jiftaħ qalbu miegħu, juri dnubietu u l-miżerji ta' qalbu, u s-saċerdot, jerfa idu u jgħidlu fl-isem t'Alla u bl-awtorità tiegħu: *"Ego te absolvo"* — "Jiena naħfirlek dnubietek." — Kelmiet dawn li għandhom fihom is-sigriet li jikkalmaw il-kuxjenzi mħabbta, li jtaffu r-rimors, li jiftħu t-triq għat-tama, u jbiddlu d-disperazzjoni f'fiduċja fil-ħniena t'Alla; kelmiet li jerġgħu jiftħu lill-midneb il-bibien tal-ġenna; jfarrku l-ktajjen li jżommuh irsir u jerġgħu jagħmluh ħabib t'Alla.

Meta Alla jsejjaħ żewġt iqlub biex igħixu flimkien, jinħabbu reċiprokament, biex jaqsmu flimkien il-ferħ u n-niket tal-ħajja, u jikkonkorru, kif irid il-Kreatur, biex joktor il-ġeneru uman, allura s-saċerdot ibierek u jqaddes f'riġlejn l-altar imħabbithom, l-għaqda tagħhom, u fil-ħin li jqaddes il-familja, jagħmilha għamara ta' dak il-kwiet u ta' dak l-hena, li għalkemm fost il-gwaj ta' din il-ħajja mortali, jixbah xi ftit it-tgawdija tas-sema. Fil-Liġi l-Ġdida s-saċerdozju mhux iżjed il-patrimonju ta' familja privileġġjata, bħal ma kien fil-Liġi l-Qadima. Imma Alla nnifsu jagħżel lil dawk li

jagħmlu ostakoli lill-korruzzjoni, li qiegħda tgħarraq il-familja u s-soċjetà.

"Is-soċjetà għandha bżonn tal-ministeru saċerdotali. Huwa indispensabbli għall-istess eżistenza tagħha. Gwaj jekk ġurnata jiġiha nieqes il-benefiċċju ta' dan il-ministeru dispensatur ta' ħwejjeġ qaddisa u divini. Ikun dak il-jum tal-qerda tagħha." Hekk mar jikteb tletin sena ilu fl-okkażjoni tal-Konċiljazzjoni ta' l-Italja mas-Santa Sede, wieħed li kien ra b'għajnejh l-effetti diżastrużi ta' l-antiklerikaliżmu fl-Italja. L-istess twiddiba tagħmlilna l-istorja tal-ġnus, ta' nazzjonijiet akbar minna, li llum bdew jerġgħu lura, għax għarfu t-tort u l-erruri tagħhom. U b'dana kollu minn ftit taż-żmien 'l hawn beda jidher fostna ċertu antiklerikaliżmu u sab min jinkoraġġih. Imsejkna Malta!

Imma forsi xi ħadd igħidilna hawn: "inti tkellimna mid-dinjità, mis-setgħat tas-saċerdot, mill-ubbidjenza u r-rispett li għandna jkollna lejh; imma ma tkellimniex mid-difetti u mill-abbużi tas-saċerdoti: mhux kollha s-saċerdoti jimmeritaw ir-rispett tagħna. Infatti kuljum aħna nisimgħu ċerti stejjer, u biżżejjed li wieħed isib ruħu ma' xi ħbieb u jaqra ċerti ġurnali biex isir jaf dak li jsir. Huma l-akkużi tas-soltu; smajnihom anki fostna. Imma min huma dawn li jagħmlu dawn l-akkużi kontra s-saċerdoti? Ċertament m'humiex nies li jħobbu r-Reliġjon, għax jafu, jew imishom jafu li meta jmaqdru s-saċerdot, joffendu r-reliġjon. Kieku lil dawk li jitkellmu u jiktbu kontra s-saċerdoti wieħed igħidilhom, bħal ma darba l-Imgħallem Divin qal lill-akkużaturi ta' l-adultera: "Min minnkom m'għandux dnub jitfa' l-ewwel ġebla kontra s-saċerdot akkużat," kollha wieħed wieħed kienu jagħmlu bħall-Fariżej tal-Vanġelu, li ħarbu u ħallew l-adultera waħida. Ipokriti! Nammettu aħna ċertament li hemm debolezzi f'xi saċerdoti; hemm xi ħadd infidil għall-ubbidjenza mwiegħda solennement f'riġlejn l-altar lill-Isqof tiegħu f'jum l-Ordinazzjoni Saċerdotali; hemm forsi xi Ġuda: ma nistgħaġbux: insibu Ġuda

**Cirkulari Nru. 79**

**Lir-Revdi. Arċiprieti, Kappillani, Retturi tal-knejjes u Superjuri Reliġjużi:**

Riesaq ix-xahar ta' Ottubru, xahar li hu dedikat lill-Madonna taħt it-titolu tar-Rużarju.

Matul dan ix-xahar il-Knisja tistedinna biex nirreċitaw ir-Rużarju. Dan għandna nagħmluh flimkien, mal-kotra tan-nies tal-Parroċċa madwar Ġesu' Sagramentat jew inkella fid-dar mal-membri tal-familja fid-dar. Lil dawk, li minħabba xi raġuni ma jkunux jistgħu jgħidu f'rabta mal-oħrajn, il-Knisja tirrakkomanda li almenu jirreċitawh waħedhom.

Il-Knisja dejjem tat lir-reċita tar-Rużarju importanza kbira u qisitha bħala waħda mill-isbaħ talbiet fl-għoti tal-qima lill-Madonna.

Il Papa Pawlu VI, "fi żmenijiet ta' niket u dubji ħareġ fl-Enċiklika **'Christi Matri'** bil-ħsieb li jħeġġeġ lill-insara biex idawru t-talb tagħhom lejn l-Imbierka Verġni tar-Rużarju biex tiksbilna minn Alla l-grazzja kbira tal paċi" (Marialis Cultus n. 42).

Il-Madonna stess meta dehret kemm ġewwa Lourdes kif ġewwa Fatima dehret bil-kuruna tar-Rużarju f'idejha u ħeġġet biex fost l-insara ma tinqatax id-drawwa tar-reċita tar-Rużarju bħala mezz fit taqbida kontra d-dnub.

Il-Papiet — kif innota l-Papa Pawlu VI fl-Esortazzjoni Apostolika **Marialis Cultus** — dejjem fissru x-xewqa biex ir-Rużarju jingħad ta' spiss, jixtered aktar u tkellmu dwar il-qawwa tiegħu fit-tixrid tal ħajja nisranija u tal-ħidma tal-apostolat (Nru. 42).

Mons. Arċisqof barra milli jixtieq jagħmel appell ħalli matul ix-xahar ta' Ottubru jiżdied in-numru ta' dawk li jirreċitaw bilqalb ir-Rużarju riedni wkoll ninnota dan li ġej:—

a) Li l-Ħadd, 12 ta' Ottubru hi ġurnata magħżula mill-Q.T. il-Papa biex isir talb mill-insara kollha tad-dinja ħalli mis-Sinodu jinkiseb l-akbar ġid spiritwali.

Mons. Arċisqof jordna li dakinhar fil-knejjes kollha Parrokkjali u tar Reliġjużi titqaddes quddiesa votiva għas-Sinodu, f'ħin li l-aktar ikun adatt għal komunita' nisranija tal-post. Wara l-quddiesa l-funzjoni liturġika titkompla b'Espożizzjoni Solenni ta' Ġesu' Ewkaristija li ma għandhiex tkun iqsar min-nofs siegħa. Matul l-Adorazzjoni għandu jingħad talb għas-Sinodu.

Dakinhar m'għandhomx jinżammu solennitajiet oħra fil-knejjes jekk mhux f'konsultazzjoni mal-Kurja.

Fil-Knisja Kon-Kattidrali ta' San Ġwann iċ-ċelebrazzjoni liturġika tibda fil-5.30 p.m. Il-quddiesa tkun konċelebrata. Jieħu sehem il-Kapitlu tal-Kattidral u huma wkoll mistiedna dawk is-saċerdoti kollha li jkunu liberi.

Mons. Arċisqof jagħmel sejħa lil Maltin kollha li ma jkunux qegħdin jieħdu sehem fil-funzjoni fil-parroċċa, biex jattendu numerużi għaċ-ċelebrazzjoni liturġika li ssir f'San Ġwann. Mons. Arċisqof iħeġġeġ b'mod partikolari lir-Reliġjużi nisa u lill-membri tal Għaqdiet Kattoliċi ħalli ma jonqsux.

b) Li nhar il-Ħamis, 16 ta' Ottubru jaħbat it-tielet anniversarju tal-Elezzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

Bħal, fi snin oħra ta' qabel, fil-knejjes kollha, f'ħin l-iżjed adattat għan nies, titqaddes il-quddiesa tal-Anniversarju tal-għażla tal-Papa (Sagr. Malti p. 876). Fil-quddies kollu, fit-talba tal-fidili, għandha tingħad l-invokazzjoni speċjali għall-Papa (ara Lezz. tal-Qaddisin p. 79).

Il quddiesa tal-Anniversarju tal-Papa jixraq li jikkonċelebraha l-kleru kollu tal-knisja.

Fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann il-quddiesa tal-Anniversarju tal Papa sejra ssir is-Sibt, 18 ta' Ottubru fil-5.30 p.m. Jikkonċelebra l-Kapitlu tal-Kattidral u huma mistiedna biex jikkonċelebraw dawk is-saċerdoti li ma jkunux okkupati f'xogħol ieħor pastorali. Wara jitkanta 'Te Deum' ta' ringrazzjament.

ċ) Nhar il-Ħadd, 26 ta' Ottubru 1980 taħbat il-Ġurnata Missjunarja.

Ma għandux ikun hemm Malti li għandu għal qalbu l-Miġja tas-Saltna ta' Kristu fl-erwieħ li ma jħarisx lejn dik il-ġurnata biex jeżamina l-kuxjenza tiegħu dwar x'qiegħed jagħmel ħalli tikber il ħidma missjunarja. Hu dmir tagħna li kulħadd fil-ġurnata missjunarja noffru t-talb u s-sagrifiċċji tagħna għall-missjoni. Ma' dan m'għandha lanqas tonqos l-offerta finanzjarja tagħna, magħmula bl-akbar ġenerożita', għal ħidma li hi tant miżmuma b'għożża mill-Knisja ta' Kristu.

d) Fl aħħarnett infakkar li fl-Ave Maria għandha tindaqq nota ta' kwarta fil-ġranet kollha li ġejjin:—

i) Il-Ħadd, 28 ta' Settembru biex tħabbar is-sitt anniversarju tal-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof.

ii) It-Tlieta, 30 ta' Settembru, biex tħabbar ix-xahar tar-Rużarju.

iii) L Erbgħa, 15 ta' Ottubru, biex tħabbar it-tielet anniversarju tal-Elezzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, fil-15 ta' Settembru 1980, jum li fih issir it-tifkira tal-Imqaddsa Verġni Marija tad-Duluri.

**Carmelo Xuereb,**
**Vigarju Ġenerali.**

**Annetto Depasquale,**
**Kanċellier.**

CIRKULARI NRU. 92

Lir-Rev. di Arciprieti, Kappillani, Retturi tal-Knejjes u Superjuri Religjuzi

Id-dinja kollha, kattolici u mhumiex, ferhu meta giet imxandra l-ahbar li l-operazzjoni li saret lil Papa rnexxiet ghalkemm il-qaghda tieghu ghada gravi.

Anki dawk li m'ghandhomx l-istess fidi taghna, iharsu lejn il-Papa bhal bniedem dedikat kompletament biex igib il-quddiem il-paci u l-gustizzja fid-dinja biex ihares il-valuri morali u jiddefendi d-drittijiet sagrosanti tal-persuna umana.

Kien ghalhekk li kemm kattolici kif ukoll li mhumiex, mhux biss ferhu bit-taghrif li l-qaghda tal-Papa tidher gejja ghall-ahjar izda wkoll inghaqdu biex jitolbu ghal fejqan shih u ta' malajr tal-Qdusija Tieghu.

Malta, li hi tant ghal qalb il-Papa, ma naqsitx li taghmel il-parti taghha u kullimkien sar talb, kemm fil-privat kif fil-pubbliku, ghal bzonnijiet tal-Papa.

Monsinjur Arcisqof li mar Ruma biex jattendi l-Kungress dwar il-vokazzjonijiet u hekk kellu l-okkazjoni li jsegwi mill-qrib din il-grajja tragika ta' vjolenza bla sens, talabni ngharraf lil Kappillani u lir-Retturi tal-knejjes biex iniedu l-gurnata tal-Hadd 17 ta' dan bhala gurnata ta' talb ghall-Papa.

Monsinjur Arcisqof, li sejjer ikun maghna ghal dil-gurnata ta' talb, ghandu iqaddes f'San Gwann nhar il-Hadd, 17 ta' dan, fis-6.00 p.m. Hu jistenna li Malta bi hgara tingabar madwaru biex titlob ghal Papa.

Monsinjur Arcisqof jistieden lis-Sacerdoti kollha biex jikkoncelebraw mieghu. Dawk li ser jikkoncelebraw huma mitluba li jkunu San Gwann fil-5.45 p.m. u li jgibu maghhom Alba u Stola.

Hu riedni wkoll li permezz ta' din ic-cirkulari nheggeg lis-Sacerdoti, lir-Religjuzi rgiel u nisa, lill-membri tal-ghaqdiet kattolici u civili, liz-zghazagh, lic-ckejknin u lill-morda biex jitolbu ghal Papa.

Moghti mill-Kurja Arciveskovili, Floriana, illum 15 ta' Mejju 1981.

Can. Carmelo Xuereb
Vigarju Generali

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Annetto Depasquale
Kancellier

Nota : Din ic-cirkulari ghandha tinqara kollha waqt il-Quddies tas-Sibt filghaxija u tal-Hadd.

CIRKULARI NRU. 96

Lir-Rev. di Arciprieti, Kappillani u Retturi tal-Knejjes

Nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru, jahbat is-seba' anniversarju tal-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arcisqof.

Ebda Malti ma ghandu jhalli dil-gurnata minghajr ma jieqaf biex jirrifletti dwar l-importanza tal-missjoni episkopali u dwar ir-rabtiet li jorbtuh mal-Isqof tieghu.

L-importanza tal-missjoni ta' l-Isqof tidher b'mod car meta nifhmu li kien Kristu nnifsu li ried li l-Isqfijiet ikunu r-rappresentanti legittimi tieghu fil-Knisja, imwaqqfa minnu.

Il-Koncilju Vatikan Tnejn fil-kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja jghallem li "fil-persuna tal-Isqfijiet, meghjuna mis-sacerdoti taghhom, jinsab presenti, fost dawk li jemmnu, Gesu Kristu nnifsu. Infatti, filwaqt li Kristu jinsab fis-Sema fil-lemin ta' Alla l-Missier, ghadu marbut mal-ghaqda tal-Isqfijiet : permezz tal-ministeru gholi taghhom, Kristu jippriedka l-Kelma t'Alla lill-bnedmin u permezz tal-gherf u l-prudenza taghhom imexxi l-Poplu t'Alla fit-triq li twassal ghall-hajja ta' dejjem" (p. 21).

Ghalhekk, kif ikompli jghallem l-istess Koncilju, l-Isqfijiet huma b'istituzzjoni divina mqeghda fil-post tal-Apostoli u, bhala raghajja tal-Knisja, min jisma' lilhom ikun qieghed jisma' lil Kristu nnifsu.

Min hawn johrog id-dmir li ahna, bhala poplu nisrani, nuru qima lejn l-Isqof taghna; nobdu l-kelma tieghu; nghinuh bit-tishib tal-hidma taghna f'apostolat ghall-gid ta' l-erwieh u nitolbu lil Alla biex jaghnih biz-zmien u bid-dehen halli jkompli jaqdi l-hidma tieghu fit-tmexxija tad-Diocesi afdata f'idejh.

Nhar it-Tlieta, 29 ta' dan, fis-6.00 p.m. Monsinjur Arcisqof iqaddes quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja Konkattidrali ta' San Gwann u jistieden lil dawk is-sacerdoti kollha tad-djocesi, li ma jkunux impenjati f'hidma pastorali ohra, biex jikkoncelebraw mieghu.

Ikun ta' konfort kbir ghalih jekk jara migbura madwaru f'kotra kbira l-erwieh afdati f'idejh biex mieghu jroddu hajr 'l Alla f'okkazjoni tant solenni.

Fil-Knejjes parrokkjali, fil-quddies kollu ssir il-Quddiesa anniversarja kif tinsab fis-Sagramentarju Malti p. 878. Fil-Quddies kollu, fit-talb tal-fidili dakinhar tinghad l-invokazzjoni specjali (Lezzjonarju tal-Quddies p. 791).

Ninqeda b'din ic-cirkolari biex infakkar li x-xahar ta' Ottubru hu x-xahar tar-Ruzarju. Ilha ghal zmien twil id-drawwa tal-Maltin li, matul dan ix-xahar, jingabru fil-Knisja biex, bhala kommunita, jirrecitaw ir-Ruzarju tal-Madonna.

F'mumenti ta' niket il-Maltin dejjem dawru l-mohh taghhom lejn il-Vergni Marija u bir-recita tar-Ruzarju, talbuha tidhol ghalihom. L-istess ghamlu fil-mumenti ta' ferh u kien bir-Ruzarju li raddewlha il-hajr taghhom.

Il-Papiet, wiehed wara l-iehor, dejjem heggew biex ir-Ruzarju jinghad ta' spiss u ghamlu minn kollox biex jinxtered aktar. Fil-kliem tal-Papa Pawlu VI ir-Ruzarju ghandu mhux biss qawwa l-aktar kbira biex tissahhah il-hajja nisranija izda wkoll biex tizdied il-hidma tal-apostolat.

Monsinjur Arcisqof riedni naghmel sejha lill-familji Maltin kollha biex ma jonqsux li matul ix-xahar ta' Ottubru jingabru lkoll fil-Knisja Parrokkjali taghhom biex bhala Komunita Parrokkjali jirrecitaw bil-qalb ir-Ruzarju tal-Madonna.

Mahruga mill-Kurja tal-Arcisqof, Floriana, illum, 21 ta' Settembru 1981.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Carmelo Xuereb
Vigarju Generali

Annetto Depasquale
Kancellier

Ċirkolari Nru. 102

Lir-Rev.di Arċiprieti, Kappillani, Retturi tal-knejjes u Superjuri Reliġjużi.

Nhar l-Erbgħa, 24 ta' Frar jibda r-Randan Imqaddes. Ir-Randan hu għalina żmien li fih nissaffu minn kull tinġis tal-ħażen u nagħmlu tpattija għan-nuqqasijiet kollha tagħna b'egħmil ta' penitenza, bit-talb u b'opri ta' karità.

Hu dmir tagħna għalhekk li nhar l-Erbgħa tar-Rmied u nhar il-Ġimgħa l-Kbira, u jekk jista' jkun, l-għada wkoll, insumu mill-ikel biex nuru li aħna sajmin ukoll minn kull ħaġa ħażina u minn kull rabta żejda ma' dak kollu li jgħaddi. Iżda l-penitenza ta' żmien ir-Randan, m'għandniex nagħmluha f'dawn il-jumejn biss, imma tul il-ġranet kollha tar-Randan. Il-Knisja tħalli f'idejna x'nagħmlu bħala penitenza tul dan iż-żmien v.g. niċċaħħdu mill-ikel, minn xi divertiment, minn xi ħaġa li togħġobna eċċ.

Ir-Randan hu wkoll żmien ta' talb, kemm waħedna u kemm flimkien. Matul ir-Randan, bħal snin oħra, l-Arċisqof se jmexxi għadd ta' pellegrinaġġi ta' talb f'għadd ta' nħawi f'pajjiżna: Ħaż-Żabbar (28 ta' Frar), il-Ħamrun mat-terzjarji franġiskani (5 ta' Marzu), is-Siġġiewi (12 ta' Marzu), in-Naxxar (26 ta' Marzu) u l-Belt (Via Sagra quddiem San Ġwann fit-3 ta' April): nissieħbu miegħu f'dawn il-pellegrinaġġi b'għadd kbir ħalli flimkien miegħu nitolbu għall-Knisja, għal pajjiżna u għal dawk kollha li jeħtieġu t-talb tagħna. Nitolbu għal dawk il-pajjiżi kollha ukoll li fihom l-insara jinsabu persegwitati minħabba l-fidi tagħhom, biex tasal għalihom, mill-aktar fis, il-ġurnata li fiha jkunu jistgħu jistqarru mingħajr tfixkil il-fidi nisranija: b'mod speċjali nitolbu għall-insara taċ-Ċina skond ix-xewqa li wera l-Papa fl-ittra li bagħat għalhekk lill-isqfijiet kollha fl-okkażjoni ta' l-ewwel tas-sena ċiniża.

Fl-aħħarnett ir-Randan hu okkażżjoni mill-aqwa għalina biex nuru mħabbitna għal ħutna fil-bżonn. Il-Papa fl-appell tiegħu għar-Randan ta' din is-sena jistedinna lkoll ħa nkunu bħal Kristu u nersqu lejn dawk kollha li huma mġarrbin u neqsin minn kollox, imwarrbin u mistmerra mid-dinja: ngħinu, bl-akbar ġenerożità, lill-Knisja fit-twettiq tal-missjoni tagħha a favur ta' dawk fost ħutna li huma neqsin minn dawk il-mezzi li huma meħtieġa biex jgħixu ħajja tabilħaqq umana. Dan aħna nistgħu nagħmluh tul il-ĠIMGĦA TAS-SAGRIFIĊĊJU mit-2 ta' April, festa tad-Duluri, sad-9 ta' April, jum il-Ġimgħa l-Kbira, li bħas-soltu se tkun organizzata mis-Segretarjat tal-Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika. Fl-offerti tagħna li jsiru fil-Quddies ta' filgħaxija tat-3 ta' April u tal-Ħadd, 4 ta' April sejrin jingħataw lill-Fond tal-Assistenza Soċjali.

Monsinjur Arċisqof se jiltaqa' mal-predikaturi ta' l-eżerċizzi tar-Randan fil-kappella tal-Kurja, il-Furjana, is-Sibt, 27 ta' Frar, fl-10.30 a.m.: hu jittama li ħadd ma jonqos.

Din iċ-ċirkolari għandha tinqara l-Ħadd qabel l-Erbgħa tar-Rmied flimkien mal-Appell tal-Papa għar-Randan. Il-Pastorali tal-Arċisqof għandha tinqara l-Ħadd ta' wara, l-ewwel Ħadd tar-Randan.

Hi xewqa ta' l-Arċisqof li kopja tal-pastorali titqassam lil kull familja għalhekk il-kappillani huma mitlubin jordnaw il-kopji li jeħtieġu minnufih il-kopja li jeħtieġu mill-Uffiċċju stampa tal-Kurja.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili llum 10 ta' Frar 1982, solennità ta' San Pawl Missierna, Patrun ta' Malta.

MONS. CARMELO XUEREB,
*Vigarju Generali.*

ANNETTO DEPASQUALE
*Kanċellier.*

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Cirkulari Nru. 81

Lir-Rev. di Arciprieti, Kappillani, Retturi tal-Knejjes u Superjuri Religjuzi.

Permezz ta' Pastorali tad-29 ta' April 1980 l-Isqfijiet ta' Malta u Ghawdex urew ix-xewqa taghhom li l-perijodu ta' bejn it-8 ta' Mejju u t-8 ta' Dicembru ikun zmien li fih il-poplu ta' dawn iz-zewg gzejjer jiddedikawh ghal Tigdid Spiritwali Marjan.

Il-hidmiet organizzati biex jintlahaq dan il-ghan kienu hafna. Ma ninsew qatt ix-xena impressjonanti li offrew il-Fosos tal-Furjana fl-10 ta' Gunju meta eluf ta' tfal ingabru biex bit-talba innocenti taghhom jitolbu halli l-familja maltija bl-intercessjoni qawwija tal-Omm taghna tas-Sema, tibqa' dejjem marbuta ma' Gesu - rahan wahdieni ta' paci u ta' mhabba.

Monsinjur Arcisqof jixtieq qabel xejn pubblikament jirringrazzja kemm lill-organizzaturi kif ukoll lil dawk kollha li bit-talb u bil-hidma taghhom ghenu halli Marija Santissima taghmel li l-familji maltin izommu l-boghod minnhom il-mewga ta' korruzzjoni u ta' hazen li qeda theddidhom u jhossu aktar il-bzonn li jghixu ta' veri insara.

Monsinjur Arcisqof ukoll jixtieqni ngharraf li hu sejjer jaghlaq il-perijodu ta' dan it-Tigdid Spiritwali b'quddiesa konce lebrata li sejjer iqaddes fil-Knisja Kolleggjata ta' Bormla nhar it-Tnejn, 8 ta' Dicembru, Festa ta' Marija Immakolata.

Il-hin ikun fis-6.00 p.m. Is-sacerdoti kollha huma mistiedna biex jikkoncelebraw. Wara jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament.

Jalla l-perijodu ta' Tigdid Spiritwali Marjan li qed intemmu permezz ta' din il-funzjoni jkun ta' ispirazzjoni biex il-familja maltija tibqa' tghozz il-wirt tad-drawwiet qaddisa tal-imghoddi.

Monsinjur Arcisqof iridni wkoll infakkar li nhar it-13 ta' Dicembru, Malta tiffesteggja Jum ir-Repubblika. Dik il-gurnata ghandna lkoll inhossuh dmir taghna li nitolbu ghall-prosperità u ghall-gid spiritwali u materjali ta' pajjizna.

Monsinjur Arcisqof jordna li nhar it-12 u t-13 ta' Dicembru :

a) isir illuminazzjoni tal-frontispizju tal-Knejjes kollha, kemm dawk parrokkjali kif ukoll dawk tar-Religjuzi;
b) li fil-quddiesa ta' filghaxija ta' dawn il-granet tinghad fit-talba tal-fidili l-invokazzjoni "Mulej, hares lil din l-Art Helwa, l-omm li tatna isimha, biex bl-intercessjoni ta' Marija tkompli tikseb minn Alla id-don tal-paci, tal-imhabba u tal-ghaqda".

Wara l-Quddiesa jitkanta l-Innu Malti.

Materja ohra li ghaliha Monsinjur Arcisqof riedni nigbed l-attenzjoni taghkom hi it-tragedja li grat fl-Italja dawn il-granet. Terremoti qawwija laqtu l-inhawi ta' Napli u hallew, mal-hafna mejtin, ghadd kbir ta' nies bla dar u fis-sofferenza. Hu dmir li niftakru fit-talb taghna fil-vittmi ta' din it-tragedja biex il-Mulej ikun ghalihom ta' konfort u ta' ghajnuna.

Barra minn dan Monsinjur Arcisqof jordna li l-gbir kollu li jsir fil-Knejjes kollha parrokkjali u tar-religjuzi matul il-quddiesa tas-Sibt filghaxija 29 ta' Novembru u dak li isir matul il-Hadd, 30 ta' Novembru, jigi konsenjat lis-Segretarjat tal-Caritas biex iservi halli jinkisbu hwejjeg mehtiega li wara jinghataw lil dawk li gew milquta mid-disastru.

Can. Carmelo Xuereb
Vigarju Generali

Annetto Depasquale
Kancellier

CURIA ARCHIEP. MELITENSIS

Ċirkolari n. 87

Lir-Rev.di Kappillani Arċiprieti, retturi tal-knejjes u Superjuri reliġjużi

Nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu, jibda r-Randan imqaddes. Għall-Knisja dan hu żmien li, aktar minn żminijiet oħra tas-sena liturġika, għandu jittieħed bħala żmien ta' tiġdid spiritwali.

Biex inwettqu dan it-tiġdid hu dmir tagħna ninġabru aktar fit-talb, nisimgħu b'akbar ħrara l-Kelma ta' Alla, nagħmlu aktar penitenzi u nagħtu ruħna b'akbar ġenerożita' għat-twettiq ta' egħmil ta' karita' ma' dawk li jinsabu fil-bżonn, kemm spiritwali kif ukoll materjali.

Inkunu qegħdin inħallu tgħaddi mar-riħ il-grazzja ta' Alla li, matul il-ġranet tar-Randan tingħata lilna b'akbar abbundanza, jekk inħallu r-Randan igħaddi mingħajr ma niksbu minnu ġid spiritwali kbir.

Sfortunatament, filwaqt li sa ftit żmien ilu, ir-Randan kien jiġi osservat b'tant ġabra, illum qegħdin ninnotaw li, għal ħafna, ir-Randan tilef kull tifsira tiegħu: bosta Maltin matul ir-Randan qegħdin jabbandunaw id-drawwa qaddisa li jattendu għall-Eserċizzi mqaddsa u ma huma qegħdin jagħmlu ebda għamla ta' penitenza li, waħedha, tista' ssaffi lir-ruħ u tqarribha lejn Alla.

Inkunu qegħdin nabbandunaw żewġ ħwejjeġ importanti wisq għall-progress tal-ħajja tar-ruħ jekk nittraskuraw is-smigħ tal-Kelma ta' Alla u r-rażna tal-ġisem u tas-sensi.

Il-Kotba mqaddsa jwiddbuna kontinwament biex mhux biss niftħu widnejna għal-leħen tal-Mulej iżda wkoll biex nagħtu rwieħna għat-tgħakkis tagħna nfusna u għall-mortifikazzjoni ta' kull drawwa ħażina.

Hi xewqa ħerqana ta' Monsinjur Arċisqof li jara li, matul ir-Randan, f'Malta jkun hemm veru qawmien reliġjuż fost l-ulied spiritwali li l-Provvidenza fdatlu f'idejh.

Monsinjur Arċisqof iridni nfakkarkom li bħas-snin ta' qabel

a) inkunu obbligati għas-sawm u l-astinenza nhar l-Erbgħa tar-Rmied, ras- ir-Randan u nhar il-Gimgħa l-Kbira. Tkun ħaġa qaddisa li dawk li jistgħu jsumu wkoll fil-Gimgħat tar-Randan u s-Sibt tal-Gimgħa l-kbira.

b) li hu se jmexxi pellegrinaġġi ta' penitenza

i. il-Hadd 8 ta' Marzu, Haz-Zabbar, fil-5 p.m. (Hadd in-nies)
ii. il-Gimgħa 13 ta' Marzu, iz-Zejtun, mill-knisja tal-Hniena fil-5.30 p.m.
iii. il-Gimgħa 20 ta' Marzu, il-Gzira, mill-kappella ta' San Albertu, fil-5.45 p.m.
iv. il-Gimgħa 27 ta' Marzu, l-Isla : il-purċissjoni tar-Redentur
v. il-Gimgħa 3 ta' April, Hal-Qormi, minn San Sebastjan għal San Ġorġ, fil-5.15 p.m.

c) li l-kappillani u r-retturi tal-knejjes jieħdu ħsieb iqassmu kopja tal-Pastorali tar-Randan lill-familji kollha: għalhekk għandhom jieħdu ħsieb jordnaw kopji biżżejjed mill-ufficcju stampa tal-Kurja sat-Tlieta 3 ta' Marzu. Il-pastorali għandha tinqara fil-knejjes kollha is-Sibt 7 ta' Marzu fil-Quddies ta' filgħaxija u, l-għada, il-Hadd, fil-Quddies kollu.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, il-Furjana, nhar it-22 ta' Frar, festa tal-Kattedra ta' San Pietru.

Carmelo Xuereb
Vigarju generali

Annetto Depasquale
Kanċillier

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

CIRKULARI NRU. 90

Lill-W. R. Arcipríeti, Kappillani, Superjuri Religjuzi u Retturi tal-Knejjes.

Matul is-sena liturgika, ghalina l-insara, wiehed miz-zmienijiet l-aktar gheziez hu dak li jfakkarna fil-passjoni u l-mewt ta' Sidna Gesu Kristu, u jhejjina ghac-celebrazzjoni tal-qawmien Tieghu mill-imwiet.

F'dan iz-zmien ghandna nhossu li hu dmir taghna li ningabru aktar fit-talb u li naharbu kull ghamla ta' divertiment li jista' b'xi mod ikunilna ta' xkiel fil-meditazzjoni taghna dwar Gesu li, bis-Salib tieghu, ried jifdina u jsalvana.

Hu wkoll dmir taghna li matul ir-Randan inweghdu serjament li rridu nbiddlu hajjitna ghal ahjar u li rridu nimpenjaw rwiehhna fil-hidma tas-salvazzjoni tal-ohrajn.

Izda l-bidla taghna nfusna hi haga impossibli minghajr cahda u minghajr harba ta' dawk l-okkazjonijiet li soltu jwaqqghuna fid-dnub.

Fil-hidma ghat-tigdid spiritwali taghna nfusna, l-Kotba Mqaddsa, mal-htiega tal-ispirtu ta' cahda, izidu wkoll l-importanza tal-karita nisranija.

Fil-ktieb ta' Danjeli naqraw :- "Infatam minn htijietek billi thenn ghall-imsejken" (Dan. 4, 24b).

Okkazjoni flokha biex nuru li ahna determinati li noqorbu aktar lejn Gesu, permezz tac-cahda u tal-ghemil ta' karita, sejra tkun il-Gimgha ta' Sagrificcju li tibda fl-10 ta' April (Festa tad-Duluri) u tispicca fis-17 tax-xahar (il-Gimgha l-Kbira).

Matul din il-gimgha, filwaqt li niftakkru li Gesu ta' kollox ghalina ghandna naghmlu minn kollox biex nuruh l-imhabba sinciera taghna u naghtuh xhieda bil-fatti ta' din l-imhabba bil-wirja ta' aktar hniena u ta' aktar generosita fl-ghoti tal-karita taghna lil dawk li huma aktar fil-bzonn minna.

Mahruga mill-Kurja Arciveskovili, Floriana, illum 2 ta' April 1981.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Annetto Depasquale
Kancellier

Carmelo Xuereb
Vigarju Generali

CIRKULARI NRU. 91

Lir-Rev. di Arciprieti, Kappillani, Retturi tal-Knejjes u Superjuri Religjuzi

Nhar il-Gimgha, 1 ta' Mejju, l-Knisja ticcelebra l-festa ta' San Guzepp Haddiem.

Din il-festa, li giet imwaqqfa mill-Papa Piju XII, ghandha bhala hsieb li tqieghed fid-dieher kemm il-Knisja ghandha l-haddiem ghal qalbha.

Kien Kristu li, f'dinja li fiha l-haddiem kien maghdud bhala ilsir, wera d-dinjità u n-nobiltà tax-xoghol tal-haddiem. U l-Knisja, imwaqqfa biex tkompli l-opra ta' Kristu, kompliet matul il-medda taz-zmien tiddefendi l-haddiem u tafferma d-drittijiet sagrosanti tieghu.

Il-Knisja però trid li l-haddiem jaghraf li jkun qieghed jaghti valur lix-xoghol tieghu mhux meta jhares lejh biss bhala mezz ta' qliegh ta' flus, izda wkoll bhala ghodda ghall-qdusija tieghu u bhala ghajnuna ghal hutu l-bnedmin.

Alla tant habb lill-bniedem li ried isiehbu fl-opra tal-kreazzjoni tad-dinja. Fil-fatti l-haddiem bix-xoghol tieghu, ikun qieghed ikompli, jizviluppa l-opra tal-holqien u jwassalha ghall-perfezzjoni.

Dal-pjan tal-Provvidenza t'Alla iqieghed fid-dieher in-nobiltà tax-xoghol u juri li meta l-bnedmin iwettquh f'rabta mar-rieda t'Alla ghandu jkun ghalihom ghodda ta' qdusija.

Huma dawn il-hsibijiet li Monsinjur Arcisqof jixtieq li jieqaf fuqhom kull haddiem Malti fil-festa ta' l-ewwel ta' Mejju.

Filwaqt li Monsinjur Arcisqof jixtieqni b'din ic-cirkolari inwassal ix-xewqat tajba tieghu ta' progress u ta' paci socjali lill-haddiema kollha ta' Malta f'jum il-festa taghhom, iridni wkoll ngharrafhom li dak in-nhar hu sejjer iqaddes ghall-bzonnijiet taghhom fil-knisja konkattidrali ta' San Gwann, il-Belt, fis-6.30 p.m.; f'din il-Quddiesa se jikkoncelebraw is-sacerdoti li jaghmlu hidma pastorali fil-fabbriki u fil-postijiet tax-xoghol. Tkun haga sabiha li, dawk kollha li jistghu, jiehdu sehem f'din il-Quddiesa.

Biex l-ghadd ta' dawk li jissiehbu fil-Quddiesa f'San Gwann ikun tassew kbir, f'ebda knisja ma ghandhom jinzammu celebrazzjonijiet specjali fil-hin tac-celebrazzjoni li ssir f'San Gwann.

Monsinjur Arcisqof irid ukoll li l-kappillani u r-retturi tal-knejjes mill-Hadd ta' qabel, 26 ta' April, iheggu lin-nies tal-parrocca taghhom halli iqaddsu l-ewwel ta' Mejju bis-smiegh tal-quddies u b'opri tajba ohra.

Inti gentilment mitlub tavza lill-pubbliku li l-Ufficcju Djocesan tal-Amministrazzjoni tal-Kurja sejjer ikun maghluq bejn l-20 u l-25 ta' April u l-Kurja tkun maghluqa mis-16 sat-23 ta' April.

Moghti mill-Kurja Arciveskovili, Floriana, illum, 14 ta' April 1981

Carmelo Xuereb
Vigarju Generali

Annetto Depasquale
Kancellier

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

**Ċirkulari Nru. 78**

**Lir-Revdi. Arċiprieti, Kappillani, Retturi tal-Knejjes u Superjuri Reliġjużi:**

Ftit ġranet oħra l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof sejjer jitlaq għal Ruma biex jieħu sehem fil-laqgħa tal-Isqfijiet tal-Ewropa u mbagħad fis-Sinodu tal-Isqfijiet.

Is-Sinodu tal-Isqfijiet twaqqaf mill-Papa Pawlu VI fil-15 ta' Ottubru 1965 biex isieħeb mal-Papa l-Isqfijiet, minn kull naħa tad-dinja, fit-tmexxija pasatorali tal-Knisja kollha.

Matul is-Sinodu ta' qabel ġew studjati erba' suġġetti ta' attwalita' kbira: is-Saċerdozju ministerjali; il-ġustizzja fid-dinja; l-evanġelizzazzjoni u l-katekeżi.

Din id-darba l-Papa Ġwann Pawlu II għażel bħala materja ta' studju għas-Sinodu "Id-dmirijiet tal-familja nisranija fid-dinja tal-lum".

Dan is-suġġett hu ta' importanza l-aktar fondamentali: Kulħadd jifhem li llum ma jeżistix problema, tant attwali, kemm għal Knisja kif għas-Soċjeta daqs dak tal-familja.

Matul dawn l-aħħar snin daħlu ideat ġodda li qegħdin idgħajfu l-valuri li kienu iżommu l-familja marbuta flimkien. Fil-familja il-progress spiritwali u dak materjali ma humiex mixjin id f'id. Fil-familja qiegħed jonqos it-talb filwaqt li qegħda tiżdied it-tfittxija għal żieda fid-divertiment, li ma jkunx dejjem divertiment onest.

F'sitwazzjoni hekk serja għal ħajja tal-familja aħna għandna nħossu li ma nistgħux nibqgħu indifferenti u li ma nagħtux il-kontribut tagħna biex is-Sinodu tal-Isqfijiet iħalli frott ta' ġid kbir.

Għalhekk Monsinjur Arċisqof jixtieq jarana nżidu fit-talb għas-suċċess tas-Sinodu.

B'dan il-għan il-Kummissjoni Djoċesana tal-Familja u l-Moviment ta' Kana qegħdin jorganizzaw laqgħa ta' talb li sejra ssir fil-Knisja Kon-kattedrali ta' San Ġwann nhar il-Ħamis, 18 ta' Settembru fis-6.30 p.m.

Ikun xieraq li nattendu għal din iċ-ċelebrazzjoni liturġika f'għadd kbir għar-raġuni li dak inhar sejrin ukoll niċċelebraw is-sitt anniversarju mill-ordinazzjoni episkopali tal-maħbub ragħaj spiritwali tagħna. Hu dmir tagħna lkoll li nroddu ħajr lil Alla talli għoġbu jimlih bl-għomor u bl-enerġija fil-ħidma ħerqana tiegħu għall-erwieħ.

Il-qofol tal-laqgħa tat-talb ta' nhar il-Ħamis li ġej sejjer ikun Kon-ċelebrazzjoni mmexxija minn Monsinjur Arċisqof. Għaliha huma mis-tiedna biex jissieħbu s-saċerdoti kollha, li ma jkunux impenjati b'ħidma fil-parroċċa tagħhom.

Minħabba dan l-Uffiċċju Kleru tal-Kurja javża li l-laqgħat fid-Dekanati kollha li kienu ffissati għat-18 ta' dan, bħala konklużżjoni tas-seminar għall-kleru sejrin jiġu trasferiti għal ġurnata oħra.

Fil-Knejjes parrokkjali u fil-knejjes l-oħra, l-anniversarju tal-Ordinaz-zjoni Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof issir bħas-soltu fid-29 ta' Settembru. Dak inhar, fil-ħin l-aktar adattat għan-nies issir il-quddiesa tal-Anniversarju (Sagramentarju Malti p. 878). Fiha, hu xieraq li jikkonċelebraw is-Saċerdoti kollha tal-parroċċa. Fil-quddies kollu, fit-talba tal-fidili, dak inhar tingħad ukoll l-invokazzjoni speċjali (Lezzjonarju tal-Qaddisin, p. 791).

Fil-Knejjes Parrokkjali u fil-knejjes l-oħra, mis-26 ta' Settembru, jum li fih iftaħ is-Sinodu tal-Isqfiiet, sa meta' jagħlaq is-Sinodu:

(i) kull jum, fiċ-ċelebrazzjoni eewkaristika ta' fil-għaxija, wara l-qari mill-Iskrittura, tingħad it-Talba tal-Papa għas-Sinodu. Kopji ta' din it-Talba għandhom jitqassmu lill-fidili kollha biex igħiduha kuljum fi djarhom tul is-Sinodu (kopji tat-Talba jinkisbu mill-istamperija 'IL-ĦAJJA').

(ii) fil-Quddies kollu, kemm idum is-Sinodu, fit-Talba tal-Fidili, bħala l-ewwel invokazzjoni, tingħad waħda minn dawn li ġejjin:

> Mexxi, Mulej, u ħares il-Knisja tiegħek u agħti lill-isqfijiet miġburin fis-Sinodu l-Ispirtu tad-dehen, tal-verita' u tas-sliem.
>
> Missier qaddis, agħti l-Ispirtu ta' l-għerf lill-isqfijiet miġburin fis-Sinodu, biex il-poplu tiegħek jagħraf iżjed il-verita' u jikber fil-qdusija.
>
> O Alla ħanin, dawwal bil-grazzja tas-sema lill-isqfijiet miġburin fis-Sinodu, biex jagħrfu jagħtuna tagħlim siewi għall-familja nisranija fiż-żminijiet tal-lum.

(iii) Il-Ġimgħa, 26 ta' Settembru u fil-ġranet ferjali tul is-Sinodu hi rakkomandata ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa votiva fi żmien Konċilju jew Sinodu (Sagramentarju Malti p. 881).

Il-Papa stieden Ruma, biex jiltaqgħu miegħu u ma' l-Isqfijiet tas-Sino-du, rappreżentanti tal-familji nsara minn kull pajjiż nhar it-12 ta' Ottubru, jum li l-Papa għażlu biex ikun Jum ta' Talb għas-Sinodu fil-Knisja kollha: nittamaw li minn fostna jkun hemm xi familji li jilqgħu din l-istedina tal-Papa.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, nhar it-8 ta' Settembru 1980, festa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija.

**Carmelo Xuereb**
**Vigarju Ġenerali**

**Kan. G. Bonello**
**A/Kanċillier.**

# MESSAĠĠ TA' MONSINJUR ARĊISQOF
# FL-OKKAZZJONI TAS-SITT MITT SENA MIT-TWELID TA' SANTA RITA

Egħżież ħuti fi Kristu,

Qegħdin niċċelebraw f'dawn il-ġranet is-sitt mitt sena tat-twelid ta' Santa Rita. Aħna l-Maltin dejjem kelna devozzjoni kbira lejn din il-qaddisa tal-impossibbli, u dan jixhduh il-mijiet tan-nies li kull ġimgħa jiffullaw il-knejjes ta' Santu Wistin biex iżuru lil Santa Rita u jitolbu l-għajnuna tagħha fit-tiġrib kollu tagħhom. U din is-sena, li hi s-sitt mitt sena minn twelidha, ma jistax ikun lima tkabbarx fostna d-devozzjoni tagħna lejha.

Hija ħaġa sabiħa u xierqa d-devozzjoni lejn il-Qaddisin, għaliex Alla igħallimna bl-ezempji ta' ħajjithom u huma jieqfu magħna bl-għajnuna tat-talb tagħhom, biex aħna, imdawwrin minn għadd hekk sabiħ ta' xhieda għal Kristu, b'qalbna qawwija, niġru t-triq li għandna quddiemna ħa niksbu magħhom il-kuruna tas-sebħ, minsuġa minn ward li qatt ma jidbiel, kuruna li l-Mulwj għandu mħejjija għal kull min, f'din id-dinja, igħix bit-tama tad-dehra tiegħu.

U Santa Rita hi xhieda tassew kbira tal-imħabba ta' Alla għalina, għaliex tħeġġiġna b'mod liema bħalu għall-imħabba ta' Alla bl-eżempji sbiħ ta' ħajjitha, u tidħol għalina quddiem Alla biex fina wkoll iseħħ il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni.

Min kienet Santa Rita? Twieldet sitt mitt sena ilu fir-raħal ċkejken ta' Roccaporena, qrib il-belt ta' Cascia. Minn tfulitha xtaqet issir reliġjuża, iżda l-ġenituri tagħha kellhom fehmiet oħra fuqha: ta' erbatax-il sena żewġi ha ma' żagħżugh li kien, iva, ta' rieda tajba, imma li kellu karattru tassew iebes u diffiċli. Minkejja l-ebusija ta' żewġha, hi għarfet tgħix miegħu fis-sliem u l-paċi għal tmintax-il sena sħaħ, u tatu wkoll żewġ ulied, li ħarġu jixbħu 'l missierhom. Minħabba n-natural tiegħu żewġha, darba, safa maqtul: f'dawk iż-żminijiet iebsa li fihom il-qtil u l-vendetti kienu ħaġa ta' kuljum, u kull offiża kienet titpatta b'offiża oħra, Rita għarfet tirbaħ il-fehmiet tan-nies ta' żmienha u ħafret il-qattiel ta' żewġha. Anzi, kollha mbeżża' li wliedha, li wliedha jaqbdu t-triq tal-vjolenza u tal-vendetta, biex tiskansahom minn ħajja bħal din, talbet 'l Alla biex isejħilhom għal għandu, ħalli ma jċappsux idejhom bid-demm tal-vendetta; għażlet li tara ż-żewġ uliedha mejtin, aktar milli tarahom, kollhom qilla, ifittxu jivvendikaw il-mort ta' missierhom!

Dan it-tiġrib kbir li minnu għaddiet, mhux biss saffielha qalbha minn kull tinġis tad-dnub u xegħelha b'imħabba liema bħalha għal Alla, imma reħa' wkoll qajjem fiha x-xewqa ta' tfulitha li tidħol reliġjuża. Iżda din ix-xewqa tagħha ma seħħitx minnufih, għax il-Mulej ried ikompli jippruvaha, iżda hi għelbet ukoll din l-aħħar prova tal-vokazzjoni tagħha, u fl-aħħar ġiet milqugħha fil-monasteru ta' Santa Maddalena, f'Cascia, fejn għaddiet, bħala soru agostinjana, l-aħħar erbgħin sena ta' ħajjitha fuq l-art, f'ħajja ta' talb u ta' meditazzjoni. Kellha għal qalbha ħafna l-meditazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej u ta' dan Hu ippremjaha billi, tul l-aħħar ħmistax-il sena ta' ħajjitha, taha li ġġorr f'moħħha s-sinjal ta' xewka mill-kuruna li biha ġie nkurunat fil-Pretorju mis-suldati ta' Pilatu. Ta' sitta u sebgħin sena, il-Mulej sejħilha għall-premju ta' dejjem, fil-lejl tas-Sibt, 22 ta' Mejju, 1457.

X'messaġġ għandha Santa Rita llum għalina, li qegħdin ngħixu sitt mitt sena wara t-twelid tagħha, f'dinja li, f'ħafna suriet tagħha, matixbaħ xejn id-dinja li fiha għexet?

Veru li l-ħajja f'Roccaporena u f'Cascia, sitt mitt sena ilu, ma tixbaħ xejn il-ħajja li qegħdin ngħixu fiż-żminijiet tallum,, imma jekkinħarsu b'aktar reqqa lejn il-ħajja li għexet Santa Rita u l-ħajja li qegħdin ngħixu llum, naraw li għandna ħafna x'nitgħallmu minn Santa Rita, u hi, bl-eżempji sbiħ ta' ħajjitha, tista' tkun ta' għajnuna kbira għalina lkoll.

Veru li l-ħajja f'Roccaporena u f'Cascia, sitt mitt sena ilu, ma tixbaħ ~~xejn, ma tixbaħ~~ xejn il-ħajja li qegħdin ngħixu fiż-żminijiet tallum, imma jekk inħarsu b'reqqa akbar lejn il-ħajja fi żmien Santa Rita u l-ħajja li qegħdin ngħixu llum, għandna nintebħu li Santa Rita, bl-eżempji sbiħ ta' ħajjitha, għanda ħafna x'tgħallimna.

Illum qegħdin ngħixu fi żminijiet fejn il-vjolenza u l-qilla qegħdin dejjem aktar jerfgħu rashom, u mhumiex neqsin fostna l-ħsibijietta' għira, ta' pika, ta' ġlied u ta' vendetta: l-istess ħsibijiet li kienu jaħkmu fi qlub nies bħar-raġel ta' Santa Rita!

Barra dan, Santa Rita hi ta' eżempju għalina llum kemm fil-ħajja tagħha bħala omm ta' familja u kemm bħala reliġjuża. Illum, meta fostna qed jixterdu u jiġu 'l quddiem ħafna fehmiet qarrieqa fuq l-emanċipazzjoni tal-mara, fehmiet li qed idgħajfu u jġibu fix-xejn l-aħbar ġieħ li qatt jista' jkollha mara, dik ta' omm, tajjeb li wiħħed jitgħallem minn Santa Rita x'inhi s-sejħa tal-ommijiet insara. Illum, meta l-materjaliżmu tal-ħajja u l-ħajja sekolarizzata qegħfin ifixklu u jeqirdu f'ħafna qlub ġenerużi s-sejħa tal-Mulej għall-ħajja aktar perfetta, jaqbel li minn Santa Rita mifhmu l-ġmiel tal-vokazzjoni rleiġjuża.

Bħal Santa Rita, l-omm nisranija trid tkun mara ta' qalb kbira, dejjem tħabrek għall-ġid ta' darha, biex tara li ma jkun jonqos xejn ħalli tkun tassew hienja l-ħajja ta' żewgħau ta' wliedha. Bħal Santa Rita, l-omm nisranija, bil-ħarsa ħelwa tagħha u bil-kelma t-tajba, trattab l-ebusija tal-qalb, tfarraġ lil min hu mnikket, u terfa' l-qalb ta' min hu mġarrab mill-passjonijiet tiegħu. Bħal Santa Rita, l-omm nisranija tfittex li tkun rżina fl-imġiba tagħha, kollha ħlewwa u satra f'egħmilha, bħal warda kollha ġmiel li ma tagħtix fil-għajn bit-tlellix tagħha, imma tinfetaħ biex tilqa' u turi lid-dinja l-ilwien kollha ta' Dak li hu x-Xemx tassew, Kristu Sidna, li bħala xemx tielgħa jdawwal u jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Bħal Santa Rita, aħna lkoll għandu jkolna l-istess sentimenti li kellu Kristu Ġesu': sentimenti ta' tjieba, ħlewwa, sabar, mogħdrija, imma fuq kollox, imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni. Huma dawn is-sentimenti li jqassluna biex nirbħu l-għira, il-mibgħeda u l-vjolenza, biex ma jixterdux aktar fostna; huma dawn is-sentimenti li jwasslu 'il dawk li huma egħdewwa ta' xulxin biex jinħabbu bejnieṭhom, 'il dawk li huma wieħed kontra l-ieħor biex jieħdu b'idejn xulxin, u Il dawk li jħobbu l-paċi biex jirbħu l-mibgħeda bil-maħfra u jpartu d-deni bil-ġid.

Bħal Santa Rita, aħna lkoll għandna ngħożżu s-sejħa ta' dawk li jħallu kollox għall-imħabba ta' Kristu u joffru ruħhom għas-servizz tiegħu f'ħuthom il-bnedmin fil-bzonn. Sejħa bħal din hi sinjal u xhieda ta' mħabba speċjali: lil dak li jsejjaħ għall-ħajja reliġjuża, il-Mulej Ġesu' jgħarrashom miegħu u jnaqqax fihom ix-xbieha mdawwla tiegħu, biex, ħielsa minn kull irbit, bħalu, jimtlew b'ħerqa kbira għal ħuthom fil-bzonn, jieqfu mal-imġarrbin u jgħinu 'l Kristu li qed ibati f'ħutu. Il-ħajja reliġjuża hi ċanfira għal min hu meħdi bil-ħwejjeġ tad-dinja tant li jagħmilhom allatu, u għalhekk imaqdar u jkasbar ħajja konsagrata kollha kemm hi lil Alla. Ma nħalluxgħalhekk xejn fil-familji tagħna li jista' jfixkel sejħa bħal din, jekk il-Mulej Ġesu', fil-kobor ta' mħabbtu għalina, jogħġbu jitfa' l-ħarsa kollha ħlewwa tiegħu, fuq xi ħadd mill-familja tagħna: żerriegħa ta' vokazzjoni bħal din, inħalluha tikber u tissaħħaħ fil-ġnien sabiħ ta' dik il-knisja ż-żgħira li hi u għanda tkun l-familja nisranija.

Jalla Santa Rita, f'dan il-jum ta' festa tagħha, mis-sema, taqlalna mingħand Alla kotra ta' grazzji għall-familji kollha tagħna, għall-familji kollha ta' Malta biex fihom isaltan l-ispirtu nisrani u jkun ħemml-għaqda tal-qlub bir-rabta tas-sliem, ħalli jżommu ruħhom 'il bogħod minn kull tinġis tad-dinja, 'il bogħod minn kull sura ta'

vjolenza, ta' materjaliżmu, ta' sekolarizzazjoni. Jalla Santa Rita taqlalna l-grazzja li l-familji kollha tagħna jkunu tassew, kull familja, l-ecclesiola tal-Mulej, kif għoġbu dan l-aħħar isejjaħ il-familja nisranija l-Papa Ġwann Pawlu II - il-knisja ż-żgħira bejn l-erba' ħitam ta' kull dar, fejn Alla u meqjum u mweġġaħ kull ħin u kull waqt, fejn it-tfal jitgħallmu jlissnu għall-ewwel darba l-ismijiet ħelwin ta' Ġesu' u Marija, fejn issaltan l-għaqda tal-imħabba u r-rabta tas-sliem, minkejja t-taqlib u t-taħwid kollu tad-dinja tallum.

Mogħti mill-Kurja, il-Ġimgħa 22 ta' Mejju, 1981, jum il-festa ta' Santa Rita.

+ Ġużeppi Mercieca

Arċisqof ta' Malta

Il-kappillani u r-retturi tal-knejjes huma mitlubin iwasslu dan il-messaġġ ta' l-Arċisqof lin-nies li jmorru fil-knejjes tagħhom. Huma mitlubin ukoll jistiednu lin-nies biex jieħdu sehem fil-korteo f'ġieħ Santa Rita, li se joħroġ mill-Knisja ta' Santu Wistin, il-Belt, nhar il-Hadd, 24 ta' Mejju, filgħaxija.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Kurja tal-Arcisqof,
Floriana.

Lill-Kappillani, Superjuri Religjuzi, Retturi tal-Knejjes

Inti gentilment mitlub tavza li l-Ufficcji ta' l-Amministrazzjoni tal-Kurja tal-Arcisqof, Floriana se jkunu maghluqa ghall-pubbliku bejn nhar it-Tnejn, l-1 ta' Dicembru u nhar is-Sibt is-6 ta' Dicembru, 1980.

Mons. Jos. Lupi
Segretarju Djocesan

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

18 ta' Novembru, 1980.

Dar l-Emigrant,
Valletta.

CIRKULARI

19 ta' Novembru, 1980

## JUM L-EMIGRANT - 30 ta' NOVEMBRU, 1980

Is-Sinodu li ghadu kemm intemm, kellu bhala suggett "Il-Familja".

Ir-raguni principali li ghaliha l-Q.T. il-Papa gabar madwaru l-Presidenti tal-Konferenzi Episkopali tad-dinja biex f'Sinodu jistudjaw il-familja, hi ghax il-futur tas-socjeta' u tas-sahha tal-missjoni tal-knisja ghandhom bhala sisien IL-FAMILJA.

F'dan il-kwadru, il-familja ta' l-emigrant tohloq xena ghaliha wehidha. Il-familja, meta temigra flimkien, tmur tghix f'ambjent u kultura ohra: ir-ragel jahdem ma' haddiema ta' kultura u hafna drabi ta' religjon ohra; il-mara tithallat ma' nisa ta' mentalita' differenti; it-tfal jixorbu forma ta' hajja li mhux dejjem taqbel mal-mentalita' tal-genituri.

Meta r-ragel imur jaqla' l-ghixien ghall-familja tieghu barra minn art twelidu, l-omm trid iggorr ir-responsabilitajiet anki tal-missier fit-trobbija ta' l-ulied. Ir-ragel, li b'imhabba, jahdem ghall-ghixien tal-familja tieghu irid jgharaf iqaddes dan is-sagrificcju u jzomm il-familja fi hsiebu daqskemm irid li dawk li jahdem ghalihom jahsbu fih.

Meta parti kattolika tinghaqad fi zwieg ma' parti li mhix kattolika, il-parti kattolika barra d-doveri normali taghha, trid iggorr ir-responsabbilitajiet ta' xhieda tal-Knisja kemm mal-parti l-ohra u wisq izjed fit-trobbija ta' l-ulied.

F'din is-sena tas-Sinodu tal-Familja, u f'din is-sena li ghalina l-Maltin hi sena ta' Tigdid Marjan, illum ahna mistiedna nahsbu fuq il-qaghda partikulari tal-familja ta' l-emigranti u rifugjati u nitolbu b'mod specjali lill-MARIJA OMM BIEX ISSAHHAH IL-FAMILJA TA' L-EMIGRANT MALTI.

CURIA ... OPALIS. MELITENSIS

Mons. Philip Calleja
Direttur.

KURJA ARCIVESKOVILI

Floriana

19 - 11 - 1980

L-ORDO u l-AGRNDA 1981 jinsab ghall-bejgh mill-Kurja, il-Furjana, minn ghand it-Tezorier, is-sur Frank Busuttil

Hu volum ta' kwazi 500 pagina, b'pagina ghal kull gurnata tas-sena mill-I Hadd tal-Avvent, bl-indikazzjonijiet kollha mehtiega ghall-Quddiesa u ghall-ufficcju ta' kull jum kemm ghal-kleru djocesan u kemm ghar-religjuzi. Hemm wkoll id-dahla ghal kull Quddiesa.

Fit-tieni parti, barra t-taghrif kollu mehtieg fuq l-Arcidjocesi u l-ista tas-sacerdoti djocesani u religjuzi, kemm dawk f'MAlta u kemm dawk barra minn Malta, hemm ukoll il-lista tas-sorijiet. Ghal kull parrocca hemm il-lista tal-ghaqdiet u l-hinijiet tal-Quddies fil-knejjes kollha u l-kappelli miftuhin ghan-nies, kemm ghall-Hdud u l-festi u kemm ghall-granet ferjali.

HU MISTENNI LI KULL KNISJA TAGHTI KOPJA TA' L-ORDO LIL KULL SACERDOT LI HU ADDETT GHALIHA.

Il-prezz (sussidjat) ta' kull kopja hu £M 1.50

Segretarju djocesan

KUMMISSJONI EMIGRANTI
U TURIZMU

Cirkulari
---------

25 ta' Settembru 1980.

Il-Qdusija Tieghu l-Papa mhux biss laqa' b'interess id-decizjoni ta' l-Organizzazjoni Mondjali tat-Turizmu, li tibda ticcelebra l-Jum Mondjali tat-Turizmu, li din is-sena se jinzamm fis-27 ta' Settembru, izda wera x-xewqa li ghall-okkazjoni ta' dan il-Jum, l-Isqfijiet iwasslu messagg pastorali lill-fidili tad-Djocesi taghhom.

Ahna li qegndin naraw l-ghadd ta' turisti li jigu f'artna ghal skop ta' serhan, kultura, studju, teknika, joktor, inhossuh dover taghna li ghal din l-okkazjoni nindirizzaw rwiehna lilkom li tiltaqghu mat-turisti fit-toroq, f'postijiet ta' rikreazjoni, fil-hwienet, fil-knejjes u hafna drabi tiddjalogaw u kultant anki tahdmu maghhom.

Tnejn huma l-hsibijiet li xtaqna ngibu ghall-konsiderazzjoni taghkom f'dan il-Jum.

1. It-Turismu hu miftuh ghal laqghat ta' bnedmin ma bnedmin: laqghat li fihom il-bnedmin isiru jafu lil xulxin, jifthu qalbhom ma' xulxin, jifirhu flimkien u b'xulxin. Hu mezz prattiku u effikaci kif tinbet il-paci vera u reali.

2. It-Turizmu joffri opportunita' biex it-turisti jkunu jafu ahjar il-hajja taghna, wirt art twelidna, il-kultura li nhaddnu.

Nappellaw ghalhekk lil kull Malti, sew lil dawk li jiltaqghu mat-turisti kif ukoll li direttament jew indirettament jahdmu fil-kamp turistiku biex jgharaf li hu ambaxxatur ta' art twelidu u ta' twemminu u li ghalhekk ghandu jfittex li t-turist jiehu lura mieghu l-ahjar impressjoni tal-poplu Malti u l-ahjar taghlim ta' dak kollu li nghozzu : familja, twemmin, arti, ecc.

Qeghdin nappellaw ghal dan is-sens ta' responsabilita' ghaliex kull Malti Kattoliku jehtieg jifhem li t-turizmu hu wiehed mill-mezzi effikaci tal-knisja fil-missjoni taghha llum.

It-turizmu qieghed jghin biex hafna nies jiltaqghu mal-knisja kattolika awtentika. Hu ghalhekk responsabilita' tal-fidili li b'tant generosita' joffru talb u flus ghall-missjoni, li jiehdu din l-opportunita' biex b'ghemilhom u fl-okkazjonijiet li jkollhom jghatu xhieda tal-bxara t-tajba.

CURIA EPISCOPALIS MELITENSIS

Mons. Philip Calleja